KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WATHELET
ippreżentati fis-26 ta' Novembru 2015 [1]

Kawżi C-613/13 P, C-609/13 P, C-625/13 P, C-636/13 P u C-644/13 P

Il-Kummissjoni Ewropea
vs
Keramag Keramische Werke GmbH *et* (C-613/13 P)
u
Duravit AG *et*
vs
Il-Kummissjoni Ewropea (C-609/13 P)
u
Villeroy & Boch AG
vs
Il-Kummissjoni Ewropea (C-625/13 P)
u
Roca Sanitario SA
vs
Il-Kummissjoni Ewropea (C-636/13 P)
u
Villeroy & Boch SAS
vs

Il-Kummissjoni Ewropea (C-644/13 P)

"Appelli — Akkordji — Suq Belġjan, Ġermaniż, Franċiż, Taljan, Olandiż u Awstrijak tal-installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju — Koordinazzjoni tal-prezzijiet tal-bejgħ u skambju ta' informazzjoni kummerċjali sensittiva — Inkoerenzi bejn sentenzi paralleli tal-Qorti Ġenerali — Multa — Gravità tal-ksur — Nondiskriminazzjoni"

1. Permezz ta' dawn il-konklużjonijiet, jien ser neżamina l-appelli [2] kollha, l-ewwel nett dak tal-Kummissjoni Ewropea [3], kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali Keramag Keramische Werke *et* vs Il-Kummissjoni (T-379/10 u T-381/10, EU:T:2013:457, iktar 'il quddiem is-"sentenza Keramag"), it-tieni nett, ta' Duravit AG, Duravit SA u Duravit BeLux SPRL/BVBA [4], kontra s-sentenza Duravit *et* vs Il-Kummissjoni (T-364/10, EU:T:2013:477, iktar 'il quddiem is-"sentenza Duravit"), it-tielet nett, ta' Villeroy & Boch AG [5], u r-raba' nett, ta' Villeroy & Boch SAS [6] kontra s-sentenza Villeroy & Boch

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
2 — Ara l-punt 5 ta' dawn il-konklużjonijiet.
3 — Din hija l-kawża Il-Kummissjoni vs Keramag Keramische Werke (C-613/13 P).
4 — Iktar 'il quddiem "Duravit *et*". Din hija l-kawża Duravit *et* vs Il-Kummissjoni (C-609/13 P).
5 — Jiġifieri l-kawża Villeroy & Boch AG vs Il-Kummissjoni (C-625/13 P).
6 — Jiġifieri l-kawża Villeroy & Boch SAS vs Il-Kummissjoni (C-644/13 P).

Austria *et* vs Il-Kummissjoni (T-373/10, T-374/10, T-382/10 u T-402/10, EU:T:2013:455, iktar 'il quddiem is-"sentenza Villeroy & Boch Austria"), kif ukoll, il-ħames nett, ta' Roca Sanitario, SA[7], kontra s-sentenza Roca Sanitario vs Il-Kummissjoni (T-408/10, EU:T:2013:440, iktar 'il quddiem is-"sentenza Roca Sanitario").

2. Dawn is-sentenzi kienu jirrigwardaw id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 4185 finali, tat-23 ta' Ġunju 2010, dwar proċedura skont l-Artikolu 101 [TFUE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim [ŻEE][8] (Każ COMP/39092 – Installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża").

3. Bid-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni imponiet multi li b'kollox jammontaw għal iktar minn EUR 622 miljun fuq 17-il produttur ta' installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju minħabba l-parteċipazzjoni tagħhom fi ksur uniku u kontinwu tad-dritt tal-kompetizzjoni fis-settur tal-installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju. Skont il-Kummissjoni, dawn l-impriżi ħadu sehem b'mod regolari f'laqgħat antikompetittivi matul perijodi differenti bejn is-16 ta' Ottubru 1992 u d-9 ta' Novembru 2004, fit-territorji li ġejjin: il-Ġermanja, l-Awstrija, il-Belġju, Franza, l-Italja u l-Pajjiżi l-Baxxi. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-koordinazzjoni taż-żidiet annwali fil-prezzijiet u ta' elementi oħra ta' tarifikazzjoni kif ukoll l-iżvelar u l-iskambju ta' informazzjoni kummerċjali sensittiva, minn dawn l-impriżi, kienu jikkostitwixxu kartell. Skont il-Kummissjoni, il-prodotti kkonċernati minn dan il-ksur kienu viti u fittings, diviżorji tad-doċċa u l-aċċessorji tagħhom kif ukoll oġġetti taċ-ċeramika (iktar 'il quddiem it-"tliet sottogruppi ta' prodotti").

4. Is-sentenzi differenti tal-Qorti Ġenerali dwar id-deċiżjoni kkontestata wasslu sabiex jiġu ppreżentati mhux inqas minn 14-il appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja[9].

5. Konformement mat-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, u kif indikat fil-punt 1 iktar 'il fuq, dawn il-konklużjonijiet ser ikunu ffokati fuq żewġ aggravji li huma ċentrali għal ħamsa minn dawn l-erbatax-il appell. Dawn iż-żewġ aggravji jikkontestaw evalwazzjonijiet kontradittorji li jidhru f'ċerti sentenzi tal-Qorti Ġenerali[10], minn naħa, u l-eżerċizzju korrett mill-Qorti Ġenerali tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha[11], min-naħa l-oħra. Fid-dawl ta' dan, huwa ċar li dawn il-konklużjonijiet jistgħu jkunu ta' għajnuna għall-Qorti tal-Ġustizzja anki fil-kuntest ta' appelli oħrajn li jqajmu problemi simili.

I – Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kkontestata

6. Il-fatti li wasslu għall-kawża ġew spjegati fil-punti 1 sa 26 tas-sentenza Keramag, fil-punti 1 sa 25 tas-sentenza Duravit, fil-punti 1 sa 19 tas-sentenza Villeroy & Boch Austria u fil-punti 1 sa 28 tas-sentenza Roca Sanitario. Dawn jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej.

7. Permezz tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni kkonstatat l-eżistenza ta' ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE fis-settur tal-installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju.

7 — Din hija l-kawża Roca Sanitario vs Il-Kummissjoni (C-636/13 P).

8 — Għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet, iktar 'il quddiem ser nirreferi biss għall-Artikolu 101 TFUE.

9 — Jiġifieri l-Kawżi C-604/13 P, C-609/13 P, C-611/13 P, C-613/13 P, C-614/13 P, C-618/13 P, C-619/13 P, C-625/13 P, C-626/13 P, C-636/13 P, C-637/13 P, C-638/13 P, C-642/13 P u C-644/13 P.

10 — Fil-kawża Il-Kummissjoni vs Keramische Werke et (C-613/13 P), it-tieni, it-tielet u l-ħames partijiet tal-ewwel aggravju tal-Kummissjoni, kif ukoll it-tieni aggravju ta' Keramag *et* fl-appell inċidentali tagħha; fil-kawża Duravit *et* vs Il-Kummissjoni (C-609/13 P), it-tielet aggravju; fil-kawża Villeroy & Boch AG vs Il-Kummissjoni (C-625/13 P), l-ewwel aggravju u t-tieni parti tat-tieni aggravju u, finalment, fil-kawża Villeroy & Boch SAS vs Il-Kummissjoni (C-644/13 P), l-ewwel u t-tieni aggravji.

11 — L-ewwel parti tat-tieni aggravju fil-kawża Roca Sanitario vs Il-Kummissjoni (C-636/13 P).

8. Fil-15 ta' Lulju 2004, Masco Corp. u s-sussidjarji tagħha, fosthom Hansgrohe AG, li timmanifattura viti u fittings u Hüppe GmbH li timmanifattura diviżorji tad-doċċa, informaw lill-Kummissjoni dwar l-eżistenza ta' akkordju fis-settur tal-installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju u talbu sabiex jibbenefikaw mill-immunità minn multi [12] jew, fin-nuqqas ta' dan, minn tnaqqis tal-ammont ta' dawn il-multi. Fit-2 ta' Marzu 2005, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li tagħti immunità kundizzjonali mill-multi favur Masco Corp.

9. Fid-9 u fl-10 ta' Novembru 2004, il-Kummissjoni wettqet spezzjonijiet mingħajr preavviż fl-istabbilimenti ta' diversi kumpanniji u assoċjazzjonijiet nazzjonali professjonali li joperaw fis-settur tal-installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju. Bejn il-15 ta' Novembru 2005 u s-16 ta' Mejju 2006, hija indirizzat talbiet għal informazzjoni lil diversi minn dawn il-kumpanniji u assoċjazzjonijiet. Matul il-perijodu mill-15 ta' Novembru 2004 sal-20 ta' Jannar 2006, ċertu għadd ta' impriżi talbu sabiex jibbenefikaw mill-immunità minn multi jew minn tnaqqis tal-ammont tagħhom.

10. Fis-26 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni adottat dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet (iktar 'il quddiem id-"dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet"), li ġiet innotifikata lil diversi impriżi, fosthom l-appellanti fl-appelli preżenti.

11. Mit-12 sal-14 ta' Novembru 2007, saret seduta li fiha pparteċipaw dawn l-appellanti.

12. Fid-9 ta' Lulju 2009, il-Kummissjoni bagħtet lil diversi kumpanniji, inkluż ċerti appellanti f'dawn l-appelli, ittra ta' spjegazzjoni tal-fatti, li tiġbed l-attenzjoni tagħhom għal ċerti provi li hija kellha l-intenzjoni tibbaża ruħha fuqhom fil-kuntest tal-adozzjoni ta' deċiżjoni finali. Bejn id-19 ta' Ġunju 2009 u t-8 ta' Marzu 2010, il-Kummissjoni indirizzat talbiet għal informazzjoni supplimentari lil diversi kumpanniji.

13. Fit-23 ta' Ġunju 2010, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kontenzjuża.

14. Sabiex tistabbilixxi l-ammont tal-multa imposta fuq kull impriża, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq il-linji gwida għall-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 (ĠU 2006, C 210, p. 2, iktar 'il quddiem il-"linja gwida tal-2006"). Hija ddeterminat l-ammont bażiku tal-multa billi ppreċiżat li l-imsemmi kalkolu kien ibbażat, għal kull impriża, fuq il-bejgħ tagħha għal kull Stat Membru, immultiplikat bin-numru ta' snin ta' parteċipazzjoni fil-ksur ikkonstatat f'kull Stat Membru u għas-sottogrupp ta' prodotti kkonċernat, b'tali mod li kienet ħadet inkunsiderazzjoni tal-fatt li ċerti impriżi kienu jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom biss f'ċerti Stati Membri jew f'wieħed (jew tnejn) mit-tliet sottogruppi ta' prodotti.

A – Il-multa ta' Keramag et

15. Fir-rigward tal-gravità tal-ksur, il-Kummissjoni stabbilixxiet il-koeffiċjent ta' 15 %, billi qieset erba' kriterji, jiġifieri l-ishma tas-suq meħuda flimkien, in-natura, il-portata ġeografika u l-implementazzjoni tal-ksur.

16. Minbarra l-koeffiċjent ta' multiplikazzjoni skont il-perijodu tal-ksur, il-Kummissjoni, sabiex tiddisswadi lill-impriżi inkwistjoni milli jinvolvu ruħhom fi prattiki kollużorji bħal dawk li huma s-suġġett tad-deċiżjoni kontenzjuża, iddeċidiet li żżid l-ammont bażiku tal-multa bi 15 %.

12 — Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-immunità minn multi u tnaqqis f'multi f'każijiet ta' kartell (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 155, iktar 'il quddiem l-"Avviż tal-2002 dwar il-kooperazzjoni").

17. Wara li ddeterminat l-ammont bażiku, il-Kummissjoni eżaminat l-eżistenza ta' ċirkustanzi aggravanti jew attenwanti li jistgħu jiġġustifikaw aġġustament tal-ammont bażiku. Hija qieset li ma kien hemm ebda ċirkustanza aggravanti jew attenwanti u, wara l-applikazzjoni tal-limitu massimu ta' 10 %, stabbilixxiet multa ta' EUR 57 690 000 imposta fuq Keramag Keramische Werke GmbH *et* (iktar 'il quddiem "Kerameg *et*") (Artikolu 2(7) tad-deċiżjoni kontenzjuża).

B – Il-multa ta' Duravit et

18. Fir-rigward tal-gravità tal-ksur, il-Kummissjoni stabbilixxiet koeffiċjent ta' 15 %, filwaqt li qieset erba' kriterji, jiġifieri l-partijiet tas-suq meħuda flimkien, in-natura, il-portata ġeografika u l-implementazzjoni tal-ksur. Minbarra l-koeffiċjent ta' multiplikazzjoni skont il-perijodu tal-ksur, il-Kummissjoni ddeċidiet li żżid l-ammont bażiku tal-multa bi 15 % sabiex tiddisswadi lill-impriżi inkwistjoni milli jinvolvu ruħhom fi prattiki kollużorji bħal dawk li huma s-suġġett tad-deċiżjoni kontenzjuża.

19. Wara li ddeterminat l-ammont bażiku, il-Kummissjoni qieset li kien hemm ebda ċirkustanza aggravanti jew attenwanti u, wara l-applikazzjoni ta' limitu massimu ta' 10 %, stabbilixxiet multa ta' EUR 29 266 325 imposta fuq Duravit *et* (Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata).

C – Il-multi ta' Villeroy & Boch AG u ta' Villeroy & Boch France

20. Fl-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ssanzjonat lil Villeroy & Boch AG għall-parteċipazzjoni tagħha fi ksur uniku mit-28 ta' Settembru 1994 sad-9 ta' Novembru 2004 u s-sussidjarji tagħha Villeroy & Boch GmbH (iktar 'il quddiem "Villeroy & Boch Awstrija", Villeroy & Boch Belgium u Villeroy & Boch SAS (iktar 'il quddiem "Villeroy & Boch Franza") għall-parteċipazzjoni tagħhom fl-istess ksur f'perijodi mit-12 ta' Ottubru 1994 sad-9 ta' Novembru 2004 l-iktar tard.

21. Fl-Artikolu 2(8) tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni imponiet multi, l-ewwel nett, fuq Villeroy & Boch, ta' EUR 54 436 347, it-tieni nett fuq Villeroy & Boch u fuq Villeroy & Boch Awstrija *in solidum*, ta' EUR 6 083 604, it-tielet nett fuq Villeroy & Boch u fuq Villeroy & Boch Belgium *in solidum*, ta' EUR 2 942 608, u r-raba' nett, fuq Villeroy & Boch u fuq Villeroy & Boch France *in solidum*, ta' EUR 8 068 441. L-ammont totali tal-multi imposti fuq Villeroy & Boch AG u s-sussidjarji tagħha b'hekk kien jammonta għal EUR 71 531 000.

D – Il-multa ta' Roca Sanitario

22. Fl-Artikolu 1(3) tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni kkonstatat li Roca Sanitario u ż-żewġ sussidjarji tagħha inkwistjoni kienu kisru l-Artikolu 101(1) TFUE billi pparteċipaw fi ftehim kontinwu jew fi prattiki miftiehma fis-settur tal-installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju fi Franza u fl-Awstrija.

23. Skont l-Artikolu 2(4) tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni imponiet fuq Roca Sanitario multa ta' EUR 17 700 000 *in solidum* ma' Laufen Austria u multa ta' EUR 6 700 000 *in solidum* ma' Roca France. Barra minn hekk, hija imponiet fuq Laufen Austria, individwalment, multa ta' EUR 14 300 000 minħabba l-parteċipazzjoni tagħha fil-ksur matul il-perijodu ta' qabel l-akkwist tal-Grupp Laufen minn Roca Sanitario.

II – Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenzi appellati

A – Keramag et

24. Fit-8 ta' Settembru 2010, Keramag *et* ippreżentaw rikors għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża (Kawżi T-379/10 u T-381/10). Fil-Kawża T-379/10 ġew invokati seba' motivi u fil-Kawża T-381/10 disa' motivi.

25. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-maġġoranza tal-motivi, iżda laqgħet l-ewwel u t-tielet parti tat-tielet motiv ta' Keramag *et* fil-Kawża T-381/10 [13]. Billi qieset li l-Kummissjoni kienet qieset bi żball, minn naħa, li l-kumpanniji Allia SAS u Produits Céramique de Touraine SA (PCT) kienu pparteċipaw fil-ksur u, min-naħa l-oħra, li l-kumpannija Pozzi Ginori kienet ipparteċipat fih bejn l-10 ta' Marzu 1996 u l-14 ta' Settembru 2001, għalkemm il-parteċipazzjoni ta' din tal-aħħar kienet stabbilita b'mod suffiċjenti fid-dritt biss bejn l-14 ta' Mejju 1996 u d-9 ta' Marzu 2001, il-Qorti Ġenerali annullat il-parti kkonċernata tal-Artikolu 1(1)(6) tad-deċiżjoni kontenzjuża.

26. Fir-rigward tat-tnaqqis tal-multi, il-Qorti Ġenerali, billi ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li ntlaqa' parzjalment it-tielet motiv imqajjem minn Keramag *et*, annullat l-Artikolu 2(7) tad-deċiżjoni kontenzjuża, "sa fejn l-ammont totali tal-multa imposta […] jaqbeż EUR 50 580 701" (punt 2 tad-dispożittiv), jiġifieri tnaqqis ta' EUR 7 109 299.

B – Duravit et

27. Fit-2 ta' Settembru 2010, Duravit *et* ippreżentaw rikors għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża billi invokaw disa' motivi. L-ewwel sitt motivi kienu intiżi sabiex tiġi annullata d-deċiżjoni kontenzjuża u, l-ewwel wieħed, kien ibbażat fuq ksur tar-rekwiżiti fir-rigward tal-prova ta' ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE, it-tieni wieħed, minn naħa, fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża ta' Duravit *et* u, min-naħa l-oħra, fuq żball ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-allegata parteċipazzjoni ta' Duravit *et* f'akkordju dwar diversi prodotti fis-settur tal-installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju, it-tielet wieħed, fuq żball ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-allegata parteċipazzjoni ta' Duravit *et* fi ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni fis-settur tal-oġġetti taċ-ċeramika fil-Ġermanja, ir-raba' wieħed, fuq żball ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-allegata parteċipazzjoni ta' Duravit *et* fi qbil dwar il-prezzijiet fil-Belġju u fi Franza, il-ħames wieħed, fuq żball ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-prattiki inkwistjoni bħala ksur uniku u kontinwu, u, is-sitt wieħed, fuq il-ksur tad-dritt għal smigħ minħabba t-tul tal-proċedura amministrattiva bejn is-seduta ta' Duravit *et* u l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża.

28. Is-seba' motiv kien ibbażat fuq l-illegalità tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 23(2) u (3) tar-Regolament Nru 1/2003, tas-16 Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205) u tal-linji gwida tal-2006 u kien jinkludi żewġ eċċezzjonijiet ta' illegalità.

29. It-tmien u d-disa' motivi kienu intiżi sabiex jiksbu tnaqqis tal-ammont tal-multa u kienu bbażati rispettivament, fir-rigward tat-tmien wieħed, fuq assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni, sabiex jiġi ddeterminat l-ammont bażiku tal-multa, tan-natura inqas gravi tal-parteċipazzjoni tagħhom, meta mqabbla ma' dik ta' parteċipanti oħrajn, fil-ksur ikkonstatat, u, tad-disa' wieħed, fuq in-natura sproporzjonata tal-ammont finali tal-multa imposta fuqhom, wara l-applikazzjoni tal-limitu massimu ta' 10 %.

13 — Is-seba' motivi invokati fil-Kawża T-379/10 essenzjalment kienu identiċi għall-ewwel ħamsa u għat-tmien u d-disa' motivi tal-Kawża T-381/10, hekk kif il-Qorti Ġenerali għamlet użu min-numri tal-motivi ta' din l-aħħar kawża.

30. Fil-punt 339 tas-sentenza Duravit, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni kienet wettqet żball ta' evalwazzjoni meta kkonkludiet li Duravit *et* kienu pparteċipaw fil-ksur ikkonstatat fit-territorji tal-Italja, tal-Awstrija u tal-Pajjiżi l-Baxxi. Konsegwentement, fil-punti 352 sa 357 tas-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali laqgħet parzjalment it-talbiet li, prinċipalment, kienu intiżi għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni kontenzjuża.

31. Fir-rigward tat-talbiet sussidjarji, intiżi sabiex jitnaqqas l-ammont tal-multa imposta fuq Duravit *et*, il-Qorti Ġenerali, fl-ewwel lok, fil-punti 376 sa 384 ta' din is-sentenza, ċaħdet bħala infondati l-motivi li permezz tagħhom Duravit *et* sostnew li l-metodu ta' kalkolu tal-ammont bażiku tal-multa ma kienx josserva l-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' individwalità tal-pieni u li l-ammont finali tal-multa imposta fuqhom kien sproporzjonat u mhux ugwali.

32. Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punti 385 u 386 tas-sentenza Duravit, li ma kienx iġġustifikat, fuq il-bażi tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, li jitnaqqas l-ammont tal-multa ta' EUR 29 266 325 imposta fuq Duravit *et* u li dan l-ammont kien jikkostitwixxi sanzjoni adegwata fir-rigward tat-tul u tal-gravità tal-ksur inkwistjoni.

C – Villeroy & Boch AG

33. Fit-8 ta' Settembru 2010, Villeroy & Boch AG ippreżentat rikors quddiem il-Qorti Ġenerali intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża sa fejn din kienet tikkonċernaha jew, sussidjarjament, sabiex jitnaqqas l-ammont tal-multi li kienu ġew imposti fuqha (Kawża T-374/10).

34. Din sostniet li l-Kummissjoni bi żball kienet ikklassifikat il-ksur ikkonstatat bħala ksur uniku, kumpless u kontinwu, u li, sussidjarjament, billi għamlet hekk, kienet kisret l-obbligu ta' motivazzjoni billi ma indikatx b'mod preċiż biżżejjed is-swieq inkwistjoni. Villeroy & Boch AG sostniet ukoll li fir-rigward tat-tliet sottogruppi ta' prodotti, hija ma kienet wettqet l-ebda ksur fil-Ġermanja.

35. Villeroy & Boch AG sostniet ukoll li r-responsabbiltà għall-aġir antikompetittiv ta' Ucosan BV, waħda mis-sussidjarji tagħha, ma setgħetx tiġi imputata lilha, peress li din tal-aħħar kienet aġixxiet b'mod awtonomu fis-suq. F'dan ir-rigward, hija osservat li l-maniġer u l-fundatur ta' Ucosan BV kien ingħata b'kuntratt ir-responsabbiltà finali għall-operazzjonijiet u li kien l-unika persuna responsabbli mill-marketing u mill-bejgħ.

36. Skont Villeroy & Boch AG, il-Kummissjoni qieset bi żball li hija kienet ipparteċipat f'akkordju fis-suq Awstrijak. Fil-fatt, bħala kumpannija parent, hija ma setgħetx titqies li hija responsabbli mill-ksur imwettaq minn Villeroy & Boch Awstrija, peress li l-ġurisprudenza Ewropea dwar l-imputazzjoni lil kumpannija parent tal-aġir antikompetittiv minn sussidjarja li hija miżmuma għalkollox minnha hija kuntrarja, b'mod partikolari, għall-prinċipji ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* u għall-preżunzjoni tal-innoċenza. Barra minn hekk, Villeroy & Boch AG invokat l-assenza ta' provi ta' ksur fl-Awstrija.

37. Fl-aħħar nett, Villeroy & Boch AG ikkontestat l-eżistenza ta' ksur fi Franza, il-Belġju u l-Italja, kif ukoll in-natura *in solidum* tal-multi.

38. Fil-fehma tal-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni ma kinitx stabbilixxiet li Villeroy & Boch AG kienet ipparteċipat f'dan il-ksur uniku qabel it-12 ta' Ottubru 1994 (ara l-punt 321 tas-sentenza Villeroy & Boch Austria). L-annullament parzjali tal-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata li rriżultat minn din il-konstatazzjoni madankollu ma ħalla l-ebda konsegwenza fuq il-kalkolu tal-ammont tal-multa imposta fuq Villeroy & Boch AG fl-Artikolu 2(8) tal-imsemmija deċiżjoni. Fil-fatt, skont il-Qorti Ġenerali, għall-finijiet tal-imsemmi kalkolu, il-Kummissjoni fi kwalunkwe każ ħadet inkunsiderazzjoni l-parteċipazzjoni ta' Villeroy & Boch AG fi ksur biss mit-12 ta' Ottubru 1994.

D – Villeroy & Boch France

39. Fit-8 ta' Settembru 2010, Villeroy & Boch France ppreżentat rikors quddiem il-Qorti Ġenerali intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża sa fejn din kienet tikkonċernaha, jew, sussidjarjament, intiż sabiex jitnaqqas l-ammont tal-multi li kienu ġew imposti fuqha (Kawża T-382/10). Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ta' Villeroy & Boch France fl-intier tiegħu.

E – Roca Sanitario

40. Fit-8 ta' Settembru 2010, Roca Sanitario ppreżentat rikors quddiem il-Qorti Ġenerali intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża sa fejn kienet tikkonċernaha jew, sussidjarjament, intiż sabiex jitnaqqas l-ammont tal-multi li kienu ġew imposti fuqha.

41. Sabiex issostni t-talbiet tagħha intiżi għall-annullament parzjali ta' din id-deċiżjoni, Roca Sanitario essenzjalment invokat sitt motivi. L-ewwel, it-tieni u l-ħames motivi kienu jikkonċernaw l-imputazzjoni lil Roca Sanitario tar-responsabbiltà għall-aġir antikompetittiv li kienu akkużati bih is-sussidjarji tagħha. B'mod partikolari, il-ħames motiv kellu l-għan li jiġi ddeterminat il-perijodu li matulu Roca Sanitario setgħet titqies responsabbli mill-aġir ta' Laufen Austria. It-tielet motiv kien ibbażat fuq ksur tad-drittijiet ta' difiża. Ir-raba' motiv kien jittratta l-kalkolu tal-ammont tal-multa imposta *in solidum* fuq Roca Sanitario u Laufen Austria. Is-sitt motiv kien ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament meta ġie ddeterminat l-ammont bażiku tal-multi.

42. Barra minn hekk, Roca Sanitario qajmet żewġ argumenti sabiex issostni t-talbiet tagħha, intiżi, sussidjarjament, sabiex jitnaqqas l-ammont tal-multi. L-ewwel argument kien ibbażat fuq in-natura inqas gravi tal-ksur li r-responsabbiltà għalih kienet ġiet imputata lilha meta mqabbla ma' dik tal-ksur imwettaq minn parteċipanti oħrajn fl-akkordju. Bit-tieni argument, Roca Sanitario talbet li tibbenefika minn kull tnaqqis tal-ammont tal-multa li fejn meħtieġ ser jingħata lis-sussidjarji tagħha mill-Qorti Ġenerali li tiddeċiedi dwar ir-rikorsi paralleli għal dawn.

43. Billi l-Qorti Ġenerali, bis-sentenza tagħha dwar ir-rikors ta' Roca France, naqqset l-ammont tal-multa imposta *in solidum* fuq din tal-aħħar u fuq Roca Sanitario minħabba żball imwettaq mill-Kummissjoni waqt l-evalwazzjoni tal-elementi ppreżentati minn Roca France fil-kuntest tat-talba għal klemenza tagħha, din laqgħet it-tieni argument imqajjem minn Roca Sanitario insostenn tat-talbiet sussidjarji tagħha. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali naqqset l-ammont tal-multa imposta fuq Roca Sanitario *in solidum* ma' Roca France b'6 %, jiġifieri b'EUR 402 000. Hija ċaħdet il-kumplament tar-rikors.

III – Fuq l-appelli

44. Il-partijiet kollha nstemgħu fis-seduta tal-10 ta' Settembru 2015.

A – Kawża Il-Kummissjoni vs Keramag Kleramische Werke et

1. Fuq l-appell: it-tieni, it-tielet u l-ħames partijiet tal-ewwel aggravju biss

a) It-tieni parti tal-ewwel aggravju (il-Qorti Ġenerali ma eżaminatx it-talba għal klemenza ta' Roca France)

i) Sunt qasir tal-argumenti tal-partijiet

45. Il-*Kummissjoni* ssostni li l-Qorti Ġenerali, wara li b'mod żbaljat ikkonstatat li d-dikjarazzjoni ta' American Standard Inc. (iktar 'il quddiem "Ideal Standard") magħmula fil-kuntest tat-talba tagħha skont l-"Avviż tal-2002 dwar il-kooperazzjoni" kellha tiġi kkorroborata bi prova oħra, b'mod żbaljat, astjeniet milli teżamina d-dikjarazzjoni ta' Roca France li kienet takkumpanja t-talba għal klemenza tagħha, u — filwaqt li eżaminatha f'sentenzi oħra deċiżi fl-istess jum, mill-istess imħallfin u fir-rigward tal-istess akkordju — mingħajr motivazzjoni, ċaħdet kull valur probatorju sabiex tikkorrobora d-dikjarazzjoni ta' Ideal Standard, u dan permezz ta' sempliċi riferiment għas-silta tad-deċiżjoni kontenzjuża li tiddeskrivi fil-qosor ir-risposta ta' Roca France għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

46. Għall-kuntrarju, *Keramag et* isostnu, b'mod ġenerali, li: i) il-Kummissjoni ma osservatx in-natura tal-istħarriġ ġudizzjarju meta qieset li l-Qorti Ġenerali ma tistax tasal għal konklużjonijiet differenti fil-kawżi differenti sakemm l-argumenti mqajma u l-provi miġjuba jkunu differenti; ii) hija għamlet riferiment għal provi inammissibbli, li ma ġewx inklużi fil-proċess tal-kawża tagħhom, u li b'hekk ma setgħux jingħiebu kontrihom; iii) il-Kummissjoni żnaturat il-provi tal-proċess meta sostniet li s-sentenzi fil-kawżi paralleli kienu dwar l-istess provi, filwaqt li l-elementi invokati mill-Kummissjoni ma kinux parti mill-proċess fil-kawża inkwistjoni; u iv) billi talbet li l-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali, fuq il-bażi tal-provi mressqa f'kawżi oħrajn, il-Kummissjoni fir-realtà qed titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tmur kontra d-drittijiet ta' difiża ta' Keramag *et*.

47. Insegwitu, fir-rigward tat-tieni parti speċifikament, Keramag *et* isostnu li ma kienx kompitu tal-Qorti Ġenerali li teżamina d-dikjarazzjoni ta' Roca France magħmula fil-kuntest tal-proċedura ta' klemenza, minħabba li l-Kummissjoni ma kinitx daħħlet dan l-att fil-proċess. Fir-rigward tar-risposta ta' Roca France għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, il-Qorti Ġenerali ma tkunx imqarrqa jekk tibbaża fuq is-siltiet rilevanti tad-deċiżjoni kkontestata. Finalment, ma jkunx hemm żnaturament tal-provi f'dan il-każ, peress li jkunu involuti elementi differenti, diskussi b'mod differenti, f'kawżi differenti.

ii) Kunsiderazzjonijiet

48. B'mod preliminari, nirrileva, bħall-Kummissjoni, li hemm kontradizzjoni fundamentali bejn is-sentenza Keramag, minn naħa, u tliet sentenzi oħrajn mogħtija kontra l-istess deċiżjoni, fl-istess jum u mill-istess imħallfin, fir-rigward tal-istess fatti u l-istess provi.

49. Filwaqt li fis-sentenza Keramag il-Qorti Ġenerali ma eżaminatx id-dikjarazzjoni ta' Roca France li kienet takkumpanja t-talba għal klemenza tagħha, u b'hekk ċaħdet kull valur probatorju fil-konfront tagħha biex tikkorrobora d-dikjarazzjoni ta' Ideal Standard, fis-sentenzi Villeroy & Boch Austria, Duravit u Roca ġie deċiż mod ieħor:

— fil-fatt, fis-sentenza Villeroy & Boch Austria, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li d-diskussjonijiet antikompetittivi waqt il-laqgħa tal-Assoċjazzjoni Franċiża tal-industriji taċ-ċeramika sanitarja (iktar 'il quddiem l-"AFICS") tal-25 ta' Frar 2004, kienu ntwerew b'mod suffiċjenti fid-dritt. F'dan ir-rigward hija bbażat fuq iż-żewġ talbiet għal klemenza magħmula minn Ideal Standard u minn Roca France, li kienu jikkorroboraw lil xulxin u applikat il-ġurisprudenza tagħha li skontha talba

għal klemenza setgħet tiġi kkorroborata minn talba għal klemenza oħra [14];

— fis-sentenza Duravit, il-Qorti Ġenerali waslet għall-istess konklużjoni; u

— fis-sentenza Roca, il-Qorti Ġenerali naqqset multa b'6 % fil-konfront ta' Roca France minħabba li din kienet ġabet valur miżjud sinjifikattiv billi wriet li saru diskussjonijiet antikompetittivi waqt il-laqgħa tal-AFICS fil-25 ta' Frar 2004, jiġifieri l-istess komponent tal-ksur bħal dak inkwistjoni f'dan l-appell [15].

50. Issa ser nanalizza ż-żewġ argumenti tal-Kummissjoni.

– L-ewwel argument: In-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni mill-Qorti Ġenerali tad-dikjarazzjoni ta' Roca France li kienet takkumpanja t-talba għal klemenza tagħha Tfakkira tal-ġurisprudenza

51. F'dan il-kuntest, jeħtieġ li jitfakkar li appellant jista' jsostni f'appell li l-Qorti Ġenerali ma osservatx ir-regoli tad-dritt u l-prinċipji ġenerali relatati mal-oneru tal-prova jew ir-regoli proċedurali fir-rigward tal-provi [16].

52. Insegwitu, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali trid tkun biżżejjed motivata sabiex tippermetti l-eżami mill-ġdid tagħha mill-Qorti tal-Ġustizzja [17].

53. Barra minn hekk, "[i]l-kwistjoni jekk il-motivazzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza [Qorti Ġenerali] hijiex kontradittorja jew insuffiċjenti hija kwistjoni ta' dritt li tista', bħala tali, tiġi invokata fil-kuntest ta' appell" [18].

14 — Il-korroborazzjoni ma għandhiex neċessarjament tkun ibbażata fuq dokumenti kontemporanji ta' fatti. Jistgħu jkunu kredibbli diversi dikjarazzjonijiet jekk dawn jikkorroboraw lil xulxin. Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenzi Lögstör Rör vs Il-Kummissjoni (T-16/99, EU:T:2002:72, punti 45 sa 47), Bolloré *et* vs Il-Kummissjoni (T-109/02, T-118/02, T-122/02, T-125/02, T-126/02, T-128/02, T-129/02, T-132/02 u T-136/02, EU:T:2007:115, punt 168) u Polimeri Europa vs Il-Kummissjoni (T-59/07, EU:T:2011:361, punt 55). Korroborazzjoni minn dikjarazzjoni oħra skont talba għal klemenza tista' tkun biżżejjed jekk din issir b'mod indipendenti u jekk ikun hemm qbil dwar il-"linji ġenerali". Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza Total Raffinage Marketing vs Il-Kummissjoni (T-566/08, EU:T:2013:423, punt 74) (l-appell ġie miċħud: sentenza Total Marketing Services vs Il-Kummissjoni, C-634/13 P, EU:C:2015:614).

15 — Sentenza Roca vs Il-Kummissjoni (T-412/10, EU:T:2013:444, punti 198 u 239, iktar 'il quddiem is-"sentenza Roca"). Fl-istess jum, il-Qorti Ġenerali tat ukoll sentenza li estendiet il-benefiċċju ta' dan it-tnaqqis għall-kumpannija parent ta' Roca France (Kawża Roca Sanitario vs Il-Kummissjoni, T-408/10, EU:T:2013:440, punt 213).

16 — Ara, b'mod partikolari fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni, is-sentenzi Hüls vs Il-Kummissjoni (C-199/92 P, EU:C:1999:358, punti 64 u 65) jew Technische Unie vs Il-Kummissjoni (C-113/04 P, EU:C:2006:593, punti 111 sa 113 u 161). Ara, b'mod ġenerali, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Brazzelli Lualdi *et* (C-136/92 P, EU:C:1994:211, punti 66 u 81); id-digrieti San Marco vs Il-Kummissjoni (C-19/95 P, EU:C:1996:331, punt 39) u AIUFFASS u AKT vs Il-Kummissjoni (C-55/97 P, EU:C:1997:465, punt 25); is-sentenzi Somaco vs Il-Kummissjoni (C-401/96 P, EU:C:1998:208, punt 54); u Schröder *et* vs Il-Kummissjoni (C-221/97 P, EU:C:1998:597, punti 22 sa 24).

17 — Sentenza Il-Kunsill vs de Nil u Impens (C-259/96 P, EU:C:1998:224, punt 32).

18 — Sentenza Nederlandse Federatieve Vereniging voor de Groothandel op Elektrotechnisch Gebied vs Il-Kummissjoni (C-105/04 P, EU:C:2006:592), punt 71. Ara, ukoll, is-sentenzi Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni (C-185/95 P, EU:C:1998:608, punt 25); Somaco vs Il-Kummissjoni (C-401/96 P, EU:C:1998:208, punt 53); Cubero Vermurie vs Il-Kummissjoni (C-446/00 P, EU:C:2001:703, punt 20); BEI vs Hautem (C-449/99 P, EU:C:2001:502, punt 45); Aristrain vs Il-Kummissjoni (C-196/99 P, EU:C:2003:529, punti 40 u 41), kif ukoll Technische Glaswerke Ilmenau vs Il-Kummissjoni (C-404/04 P, EU:C:2007:6, punt 90). Fir-rigward tal-annullamenti għal nuqqas ta' motivazzjoni, ara, pereżempju, is-sentenzi Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni (C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, EU:C:2002:582, punt 428); Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-197/99 P, EU:C:2003:444, punt 130); kif ukoll International Power *et* vs NALOO (C-172/01 P, C-175/01 P, C-176/01 P u C-180/01 P, EU:C:2003:534, punt 121).

54. Huwa meqjus ukoll ammissibbli fl-istadju tal-appell l-aggravju bbażat fuq l-eżami inkomplut tal-fatti [19] u huwa wkoll kwistjoni ta' dritt jekk kienx hemm interpretazzjoni żbaljata tal-att ikkontestat mill-Qorti Ġenerali, li sabet xi ħaġa li ma hijiex qiegħda fih jew iċċitatu b'manjiera mhux eżatta. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali twettaq żball ta' liġi billi tissostitwixxi l-motivazzjoni proprja tagħha ma' dik tal-imsemmi att [20].

55. Pereżempju, fis-sentenza Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6, punti 381 sa 385), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "l-Qorti Ġenerali eskludiet mill-kalkolu tal-multi imposti fuq Ciments français id-dħul mill-bejgħ tas-sussidjarji Spanjoli u Griega ta' din il-kumpannija minħabba li kienet stabbilixxiet li kienu għadhom ma humiex taħt il-kontroll tagħha meta nstabet ħatja tal-aġir li jikkostitwixxi l-ksur. Il-Qorti Ġenerali ammettiet ukoll li, fl-1990, Ciments français kienet temmet kull aġir kontenzjuż. […] Issa, mid-deċiżjoni Ciment stess jirriżulta li Ciment français kienet ħadet kontroll ta' CCB matul is-sena 1990, jiġifieri l-istess sena li din kienet kisbet il-kontroll tas-sussidjarji Spanjoli u Griega tagħha. […] *b'hekk il-Qorti Ġenerali wettqet żball manifest li jista' jiġi skopert meta jinqara dokument bħad-deċiżjoni Ciment, li evidentement kienet tinsab fil-qalba tad-diskussjonijiet mill-bidu nett*" (enfasi miżjuda minni).

56. Barra minn hekk, fis-sentenza PKK u KNK vs Il-Kunsill (C-229/05 P, EU:C:2007:32, punti 37 sa 54), il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li "[m]inn dan jirriżulta li l-konstatazzjoni li, 'skond ix-xhieda mogħtija minn [Osman] Ocalan bħala anness mar-rikors, il-Kungress tal-PKK […] ħabbar ix-xoljiment tiegħu', li tinsab fil-punt 35 tad-digriet ikkontestat, hija ineżatta u kuntrarja għat-termini tad-dikjarazzjoni ta' Osman Ocalan li għaliha tirreferi din il-konstatazzjoni. […] Bl-istess mod, l-istqarrija, fil-punt 37 tad-digriet ikkontestat, li, '[i]r-rikorrenti, mhux talli ma jipprovawx il-kapaċità ġuridika ta' [Osman] Ocalan sabiex jirrappreżenta lill-PKK, iżda jsostnu, għall-kuntrarju, li dan ta' l-aħħar m'għadux jeżisti' *mhijiex konformi ma' l-elementi ta' prova li kellha quddiemha l-Qorti tal-Prim'Istanza*. […] *Għaldaqstant, il-konstatazzjonijiet ta' fatt li jinsabu fil-punti 35 u 37 tad-digriet ikkontestat huma ineżatti u jikkostitwixxu żnaturazzjoni ta' l-elementi ta' prova li kienu għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza*. Minn dan jirriżulta li r-raba' motiv huwa fondat" (enfasi miżjuda minni).

57. Bl-istess mod, fis-sentenza Industrias Químicas del Vallés vs Il-Kummissjoni (C-326/05 P, EU:C:2007:443, punti 60 sa 69), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li "għandu jingħad li l-konstatazzjonijiet ta' fatt li jidhru fil-punti 94 u 104 tas-sentenza appellata, li jgħidu li l-Kummissjoni bl-ebda mod ma kienet biddlet il-pożizzjoni tagħha fuq il-ħtieġa li r-rikorrenti tippreżenta 'inkartament komplet' in sostenn ta' l-applikazzjoni tagħha għar-reġistrazzjoni tal-metalaxyl, mhumiex eżatti u jikkostitwixxu żnaturament ta' l-elementi ta' prova ppreżentati lill-Qorti tal-Prim'Istanza".

58. Finalment, kif jinnota l-Avukat Ġenerali Mischo [21], "[h]ija ġurisprudenza stabbilita li wieħed fil-prinċipju ma jistax iqiegħed f'dubju fil-kuntest ta' appell konstatazzjoni ta' fatt magħmula mill-Qorti Ġenerali. Madankollu hemm eċċezzjoni għal dan il-prinċipju fil-każ fejn din il-konstatazzjoni tkun ivvizzjata bi żball manifest ta' evalwazzjoni. *Dan huwa, b'mod partikolari, il-każ meta konstatazzjoni ta' fatt mill-Qorti Ġenerali tiġi kontradetta mill-proċess*" (enfasi miżjuda minni).

Analiżi

19 — Ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenzi Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni (C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, EU:C:2002:582, punti 392 sa 405); Chassagne vs Il-Kummissjoni (T-253/06 P, EU:T:2008:386, punt 57); u Michail vs Il-Kummissjoni (T-50/08 P, EU:T:2009:457, punt 50).

20 — Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza DIR International Film *et* vs Il-Kummissjoni (C-164/98 P, EU:C:2000:48 punti 43 sa 48). Fir-rigward ta' kawżi li fihom il-Qorti Ġenerali wettqet interpretazzjoni żbaljata tal-att kkontestat, ara wkoll is-sentenzi Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-197/99 P, EU:C:2003:444, punti 58 sa 67) u International Power *et* VS NALOO vs Il-Kummissjoni (C-172/01 P, C-175/01 P, C-176/01 P u C-180/01 P, EU:C:2003:534), punt 156.

21 — Ara l-konklużjonijiet tiegħu fil-Kawża IPK vs Il-Kummissjoni (C-433/97 P, EU:C:1999:133, punt 36). Huwa jirreferi għas-sentenza Il-Kummissjoni vs Brazzelli Lualdi *et* (C-136/92 P, EU:C:1994:211).

59. Fil-fehma tiegħi, huwa importanti li nibda l-analiżi b'ċitazzjoni kompluta tal-punti 112 sa 121 tas-sentenza Keramag sa fejn dawn il-punti jinkludu l-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali b'rabta mal-ksur imwettaq fil-kuntest tal-AFICS.

"112 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li mit-tabella D li tinsab fil-premessa 1223 tad-deċiżjoni [kontenzjuża] jirriżulta li l-Kummissjoni qieset li kien hemm parteċipazzjoni effettiva ta' PCT u ta' Allia fil-ksur ikkonstatat fis-suq Franċiż, għal żmien ta' tmien xhur, li jikkorrispondi għall-perijodu mill-25 ta' Frar sad-9 ta' Novembru 2004, abbażi tal-preżenza tagħhom fil-laqgħa tal-AFICS tal-25 ta' Frar 2004.

113 Barra minn hekk, mill-premessi 556 u 590 tad-deċiżjoni [kontenzjuża] jirriżulta li l-konklużjoni tal-Kummissjoni skont liema, matul il-laqgħa tal-AFICS tal-25 ta' Frar 2014, il-produtturi ta' oġġetti taċ-ċeramika kkoordinaw il-prezzijiet minimi tagħhom għall-prodotti ta' livell baxx hija bbażata fuq erba' provi, jiġifieri, l-ewwel nett, ir-risposta ta' Duravit għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet (premessa 584 tad-deċiżjoni [ontenzjuża], it-tieni nett, it-talba ta' Ideal Standard skont l-Avviżtal-2002 dwar il-kooperazzjoni (premessa 583 tad-deċiżjoni [kontenzjuża]), it-tielet nett, tabella pprovduta minn din tal-aħħar fl-anness għat-talba tagħha skont l-Avviż tal-2002 dwar il-kooperazzjoni (premessa 588 tad-deċiżjoni [kontenzjuża]) u, ir-raba' net, it-talba ta' Roca [France] skont l-Avviż tal-2002 dwar il-kooperazzjoni (premessa 556 tad-deċiżjoni [kontrenzjuża]).

114 Huwa fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 95 sa 108 iktar 'il fuq li jeħtieġ li sussegwentement jiġu eżaminati l-provi differenti sabiex jiġi vverifikat, b'mod partikolari, il-valur probatorju tagħhom.

115 Fl-ewwel lok, fir-rigward tad-dikjarazzjoni magħmula minn Duravit fir-risposta tagħha għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, li kkonfermat li saru diskussjonijiet dwar il-prezzijiet minimi waqt il-laqgħa tal-AFICS tal-25 ta' Frar 2004, għandu jiġi rrilevatli, kif ikkonfermat il-Kummissjoni bi tweġiba għal mistoqsija magħmula mill-Qorti Ġenerali waqt is-seduta, din id-dikjarazzjoni ma ġietx ikkomunikata lir-rikorrenti matul il-proċedura amministrattiva. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li din id-dikjarazzjoni ma ssemmietx fl-ittra ta' spjegazzjoni tal-fatti tad-9 ta' Ġunju 2009, li ntbagħtet lir-rikorrenti.

116 Issa, skont il-ġurisprudenza, ladarba dokument ma jkunx ġie kkomunikat lill-impriża kkonċernata għalkemm il-Kummissjoni tkun siltet konklużjonijiet minnu, l-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument ma tistax tintuża fil-kuntest tal-proċedura (ara, f'dan is-sens, is-sentenza […] AKZO vs Il-Kummissjoni, C-62/86, [EU:C:1991:286], punt 21). Minn dan jirriżulta li dan id-dokument ma jistax jitqies bħala mezz ta' prova valida f'dak li jikkonċernaha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza […] AEG-Telefunken vs Il-Kummissjoni, 107/82, [EU:C:1983:293], punt 27). Konsegwentement, id-dikjarazzjoni ta' Duravit [*et*] ma tistax titqies bħala mezz ta' prova li jista' jintuża kontra r-rikorrenti.

117 Fit-tieni lok, fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet ta' Ideal Standard, magħmula fil-kuntest tat-talba tagħha skont l-Avviż tal-2002 dwar il-kooperazzjoni, hemm lok li jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 105 iktar 'il fuq, id-dikjarazzjoni ta' impriża akkużata li pparteċipat f'akkordju, li l-eżattezza tagħha hija kkonstatata minn diversi impriżi oħra li nstabu responsabbli, ma tistax titqies bħala prova suffiċjenti tal-eżistenza ta' ksur mingħajr ma tkun sostnuta minn provi oħra.

118 Issa, f'dan il-każ, mid-deċiżjoni [kontenzjuża] jirriżulta li d-dikjarazzjonijiet ta' Ideal Standard dwar il-laqgħa tal-AFICS tal-25 ta' Frar 2004 kienu kkontestati. B'hekk, fil-premessa 585 tad-deċiżjoni [kontenzjuża], il-Kummissjoni tikkummenta dwar il-fatt li Villeroy & Boch u Allia kienu qiesu li l-koordinazzjoni tal-prezzijiet minimi, b'mod partikolari fil-kuntest tal-imsemmija

laqgħa, ma kinitx stabbilita. Konsegwentement, għandu jitqies li d-dikjarazzjonijiet ta' Ideal Standard, waħedhom, ma jistgħux jikkostitwixxu prova suffiċjenti tan-natura antikompetittiva tad-diskussjonijiet li wasslu għal din il-laqgħa.

119 Fit-tielet lok, fir-rigward tat-tabella pprovduta minn Ideal Standard f'anness għat-talba tagħha skont l-avviż tal-2002 dwar il-kooperazzjoni, il-Qorti Ġenerali rrilevat li din tinkludi erba' kolonni intitolati 'mini', 'maxi', 'IS' u 'Porcher' rispettivament, u huwa mifhum li l-akronimu IS huwa dak ta' Ideal Standard u li s-sinla Porcher huwa rreġistrata bħala trade mark li l-proprjetarju utagħha huwa Ideal Standard. Issa, għandu jiġi kkonstatat li din it-tabella ma hijiex datata u ma tinkludi ebda indikazzjoni li tista' sservi sabiex tiġi konnessa mal-laqgħa tal-AFICS tal-25 ta' Frar 2004 jew ma' diskussjonijiet antikompetittivi. B'mod partikolari, it-tabella ma ssemmix ismijiet ta' kompetituri jew prezzijiet minimi jew massimi li jridu japplikaw dawn il-kompetituri. Għaldaqstant, ma jistax ikun affermat b'mod validu, kif għamlet il-Kummissjoni fir-risposta, li din it-tabella tikkostitwixxi prova dokumentarja li tikkorrobora l-iffissar tal-prezzijiet fil-kuntest tal-imsemmija laqgħa, kif deskritt minn Ideal Standard fid-dikjarazzjonijiet tagħha fil-kuntest tat-talba tagħha skont l-imsemmi avviż.

120 Fir-raba' lok, fir-rigward tat-talba ta' Roca [France] skont l-Avviż tal-2002 dwar il-kooperazzjoni, għandu jiġi rrilevat li li l-Kummissjoni stess tindika, fil-ppremessa 586 tad-deċiżjoni [kontenzjuża], li, għalkemm Roca [France] tikkonferma, b'mod ġenerali f'din it-talba, l-iskambju ta' prezzijiet minimi fi ħdan l-AFICS bejn l-2002 u l-2004, din tal-aħħar issostni, b'mod partikolari fir-rigward tal-laqgħa tal-AFICS tal-25 ta' Frar 2004, li d-deskrizzjoni magħmula minn Ideal Standard tal-koordinazzjoni tal-prezzijiet minimi waqt din il-laqgħa ma ġietx ikkonfermata minn impriżi oħrajn li ressqu talba skont l-imsemmi avviż. Għaldaqstant, hemm lok li jiġi kkonstatat lil-Kummissjoni ma setgħatx tibbaża, fl-assenza ta' provi li jikkorroborawha, fuq id-dikjarazzjonijiet ta' Roca [France], fil-kuntest tat-talba tagħha skont dan l-avviż, sabiex tipprova li saret koordinazzjoni tal-prezzijiet minimi waqt l-imsemmija laqgħa.

121 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, huwa ġustament li r-rikorrenti qed jakkużaw lill-Kummissjoni li kkonkludiet dwar il-parteċipazzjoni ta' Allia u ta' PCT fl-aġir antikompetittiv waqt il-laqgħa tal-AFICS tal-25 ta' Frar 2004. Konsegwentement, l-ewwel parti tat-tielet aggravju għandha tintlaqa' bħala fondata."

60. Fil-punt 1 tad-dispożittiv tas-sentenza Keramag, il-Qorti Ġenerali annullat il-punt 6 tal-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kontenzjuża, sa fejn il-Kummissjoni fih tikkonkludi li Allia SAS u PCT ipparteċipaw fi ksur relatat ma' akkordju fis-suq Franċiż bejn il-25 ta' Frar 2004 u d-9 ta' Novembru 2004. Għalkemm il-punt 2 tad-dispożittiv ma jsemmix lil Allia SAS u PCT espliċitament, il-multa hija mnaqqsa b'mod li jirrifletti l-punt 326 tas-sentenza Keramag [22].

61. Il-punti tas-sentenza Keramag iċċitati iktar 'il fuq ma jiżvelawx b'mod ċar ir-raġunijiet għaliex il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni d-dikjarazzjoni ta' Roca France li kienet takkumpanja t-talba għal klemenza tagħha.

22 — "Fit-tieni lok, fir-rigward tal-Artikolu 2(7) tad-deċiżjoni [kontenzjuża], l-ewwel nett, meta titqies il-konklużjoni li nsiltet fil-punt 325 [ta' din is-sentenza], jeħtieġ li jiġi annullat l-Artikolu 2(7)(d) u (e), sa fejn dan jimponi multa ta' EUR 4 579 610 *in solidum* fuq Allia u fuq Sanitec Europe, u multa ta' EUR 2 529 689 *in solidum* fuq PCT, Allia u Sanitec Europe. Konsegwentement, l-ammont totali tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti ta' EUR 57 690 000, kif stabbilita fl-Artikolu 2(7) tad-deċiżjoni [kontenzjuża], għandu jiġi annullat sakemm dan jaqbeż EUR 50 580 701 (jiġifieri EUR 57 690 000 – EUR 4 579 610 – EUR 2 529 689)."

62. Jien naħseb (bħall-Kummissjoni) li l-Qorti Ġenerali probabbilment qieset li kien biżżejjed jekk tirreferi għall-premessa 586 tad-deċiżjoni kontenzjuża li tiddeskrivi fil-qosor ir-risposta ta' Roca France għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet [23], sabiex ma tiħux inkunsiderazzjoni d-dikjarazzjoni ta' Roca France li kienet takkumpanja t-talba għal klemenza tagħha.

63. Issa, din ir-risposta ta' Roca France għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma kinitx parti mill-proċess. Il-kwistjoni b'hekk hija jekk il-Qorti Ġenerali setgħetx tannulla parti mid-deċiżjoni kontenzjuża billi tibbaża fuq dokument li ma jinsabx fil-proċess.

64. Skont ġurisprudenza stabbilita, "il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex kompetenti sabiex tikkonstata l-fatti u lanqas, fil-prinċipju, sabiex teżamina l-provi li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat insostenn ta' dawn il-fatti. Ladarba dawn il-provi jkunu nkisbu b'mod regolari, u l-prinċipji ġenerali tal-liġi u r-regoli ta' proċedura applikabbli fir-rigward tal-oneru u tal-produzzjoni tal-prova jkunu ġew osservati, hija biss il-Qorti Ġenerali li għandha tevalwa l-valur li għandu jingħata lill-elementi li jkunu tressqu quddiemha" [24]. Din l-evalwazzjoni għaldaqstant ma tikkostitwixxix, "bla ħsara għall-każ ta' żnaturament ta' dawn l-elementi, kwistjoni ta' dritt suġġetta, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja" [25].

65. Huwa minnu wkoll li, skont il-ġurisprudenza "hija l-qorti [tal-Unjoni] li għandha tiddeċiedi dwar in-neċessità tal-produzzjoni ta' dokument fid-dawl taċ-ċirkustanzi tat-tilwima, b'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regoli tal-Proċedura applikabbli għall-miżuri istruttorji. Fejn għandha x'taqsam il-Qorti Ġenerali, [skont] ir-Regoli tal-Proċedura tagħha, it-talba għall-produzzjoni ta' dokumenti hija parti mill-miżuri istruttorji li l-Qorti Ġenerali tista' tordna fi kwalunkwe stadju tal-proċedura" [26].

66. Bl-istess mod, skont il-ġurisprudenza [27], "[f]'dan ir-rigward il-Qorti Ġenerali biss tista' tiddeċiedi fir-rigward tal-bżonn eventwali li tiġi kkompletata l-informazzjoni li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha dwar il-kawżi quddiemha. In-natura probatorja jew mhux probatorja tal-atti tal-kawża taqa' taħt is-setgħa ta' evalwazzjoni tal-fatti li hija […] ma tistax tiġi mistħarrġa mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell, *ħlief fil-każ ta' żnaturament tal-provi ppreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali jew meta l-ineżattezza materjali tal-konstatazzjonijiet magħmula minn din tal-aħħar jirriżultaw mid-dokumenti fil-proċess*" (enfasi miżjuda minni).

67. Barra minn hekk, kif tfakkar diversi drabi fil-ġurisprudenza "l-evalwazzjoni mill-Qorti Ġenerali tal-provi prodotti quddiemha ma tikkostitwixxix, bla ħsara għall-każ ta' żnaturament ta' dawn l-elementi, kwistjoni ta' dritt suġġetta għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell" [28] jew, ukoll, "[g]ħaldaqstant il-Qorti tal-Ġustizzja mhijiex kompetenti sabiex tikkonstata l-fatti u lanqas, bħala regola, sabiex teżamina l-provi li l-Qorti tal-Prim'Istanza qieset in sostenn ta' dawn il-fatti. Fil-fatt, ladarba dawn il-provi nkisbu b'mod regolari, u l-prinċipji ġenerali tal-liġi u r-regoli tal-proċedura

23 — Din il-premessa tindika wkoll li Roca France kkonfermat l-"iskambji tal-prezzijiet minimi fi ħdan l-AFICS" u żiedet tgħid li Roca France "qed tipprova tiskredita d-dikjarazzjoni korroborattiva ta' Ideal Standard" (appell tal-Kummissjoni, nota ta' qiegħ il-paġna 20).

24 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni (C-185/95 P, EU:C:1998:608, punt 24). Ara wkoll, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Brazzelli Lualdi *et* (C-136/92 P, EU:C:1994:211, punt 66); id-digriet San Marco vs Il-Kummissjoni (C-19/95 P, EU:C:1996:331, punt 40); is-sentenza Blackspur DIY *et* vs Il-Kunsill u l-Kummissjoni (C-362/95 P, EU:C:1997:401, punt 29); kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Léger fil-Kawża Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni (C-185/95 P, EU:C:1998:37, punt 105).

25 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi New Holland Ford vs Il-Kummissjoni (C-8/95 P, EU:C:1998:257, punt 26) u Glencore u Compagnie Continentale vs Il-Kummissjoni (C-24/01 P u C-25/01 P, EU:C:2002:642, punt 65).

26 — Sentenza Corus UK vs Il-Kummissjoni (C-199/99 P, EU:C:2003:531, punt 67). Ara wkoll, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs ICI (C-286/95 P, EU:C:2000:188, punti 49 u 50); Salzgitter vs Il-Kummissjoni (C-182/99 P, EU:C:2003:526, punt 41); Aristrain vs Il-Kummissjoni (C-196/99 P, EU:C:2003:529, punt 67); kif ukoll Ensidesa vs Il-Kummissjoni (C-198/99 P, EU:C:2003:530, punt 28).

27 — Sentenza Ismeri Europa vs Il-Qorti tal-Awdituri (C-315/99 P, EU:C:2001:391, punt 19). Ara wkoll, is-sentenza Glencore u Compagnie Continentale vs Il-Kummissjoni (C-24/01 P u C-25/01 P, EU:C:2002:642, punti 77 u 78), kif ukoll id-digriet L vs Il-Kummissjoni (C-230/05 P, EU:C:2006:270, punti 45 sa 49).

28 — Digriet NDC Health Corporation vs IMS Health u Il-Kummissjoni (C-481/01 P(R), EU:C:2002:223, punt 88).

applikabbli fir-rigward ta' l-oneru u tal-produzzjoni tal-prova ġew osservati, hija biss il-Qorti tal-Prim'Istanza li għandha tevalwa l-valur li għandu jingħata lill-elementi li ġew imressqa quddiemha. Din l-evalwazzjoni għaldaqstant ma tikkostitwixxix, ħlief fil-każ ta' interpretazzjoni żbaljata [żnaturament] ta' dawn l-elementi, kwistjoni ta' dritt imressqa, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja"[29].

68. Is-setgħa ta' stħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-konstatazzjonijiet fattwali magħmula mill-Qorti Ġenerali tapplika biss "għall-ineżatezza materjali ta' dawn il-konstatazzjonijiet li jirriżultaw minn dokumenti tal-proċess, għaż-żnaturazzjoni ta' l-elementi ta' prova, għall-klassifikazzjoni legali ta' dawn, u għall-kwistjoni dwar jekk ir-regoli fil-qasam tal-[oneru tal-]provi u ta' l-evalwazzjoni [produzzjoni] tal-provi ġewx imħarsa"[30].

69. Finalment, sabiex nagħti eżempju tal-istħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja, f'dan il-kuntest, skont is-sentenza Activision Blizzard Germany vs Il-Kummissjoni (C-260/09 P, EU:C:2011:62, punt 57), "l-istħarriġ imwettaq mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tevalwa dan l-aggravju, ibbażat fuq żnaturament [tal-]faksijiet [inkwistjoni fl-imsemmija kawża], huwa limitat għall-verifikazzjoni li, billi kkonstatat abbażi tagħhom il-parteċipazzjoni ta' CD-Contract Data fi ftehim illegali intiż sabiex jirrestriġi l-kummerċ parallel inġenerali, il-Qorti Ġenerali *ma marritx manifestament lil hinn mill-limiti ta' evalwazzjoni raġonevoli ta' dawn il-faksijiet*. Għaldaqstant, f'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandiex tevalwa b'mod awtonomu jekk il-Kummissjoni stabbilixxietx suffiċjentement fid-dritt tali parteċipazzjoni u b'hekk ħelset mill-oneru tal-prova li kellha sabiex turi l-eżistenza ta' ksur tar-regoli tad-dritt tal-kompetizzjoni, *iżda li tiddetermina jekk, billi kkonkludiet li dan kien effettivament il-każ, il-Qorti Ġenerali interpretatx l-imsemmija faksijiet b'mod li huwa manifestament kuntrarju għall-kliem tagħhom*, u dan ma huwiex il-każ" (enfasi miżjuda minni).

70. Wieħed jista' jistabbilixxi parallel utli bejn din il-kawża u s-sentenza Ufex *et* vs Il-Kummissjoni (C-199/97 P, EU:C:1999:116). F'din tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "[l]adarba r-rikorrenti kienu talbu lill-Qorti Ġenerali espressament sabiex tordna li tiġi prodotta l-imsemmija ittra, din kienet wettqet żball ta' liġi fl-applikazzjoni tal-kunċett ta' użu ħażin ta' poter, billi ddeċidiet, mingħajr ma tat lilha nnifisha l-mezzi sabiex teżamina l-ittra, li din ma kinitx tikkostitwixxi raġuni suffiċjenti" (punt 109); li "[h]emm lok li jiġi rrilevat li l-Qorti Ġenerali ma setgħetx tiċħad it-talba tar-rikorrenti li tordna l-produzzjoni ta' dokument li apparentement kien rilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwima minħabba li dan id-dokument ma ġiex prodott fil-proċess u li l-ebda element ma kien jippermetti l-konferma tal-eżistenza tiegħu" (punt 110); u li "hemm lok li jiġi kkonstatat li mill-punt 113 tas-sentenza appellata [fl-imsemmija kawża], jirriżulta li r-rikorrenti kienu indikaw l-awtur, id-destinatarju u d-data tal-ittra li huma qed jitolbu l-produzzjoni tagħha. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx sempliċiment tiċħad l-allegazzjonijiet tal-partijiet minħabba provi insuffiċjenti, meta kien jiddependi minnha, billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti li tordna l-produzzjoni tal-atti li telimina l-inċertezza li setgħet teżisti fir-rigward tal-ineżattezza ta' dawn l-allegazzjonijiet jew li tispjega r-raġunijiet għaliex tali dokument, fi kwalunkwe każ u jkun xi jkun il-kontenut tiegħu, ma setax ikun rilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwima" (punt 111).

71. Fil-fehma tiegħi, il-ġurisprudenza ċċitata fil-punti preċedenti ma tistax tfisser li l-Qorti Ġenerali tista' tibbaża fuq dikjarazzjonijiet magħmula f'dokument, deskritti fil-qosor minn dokument ieħor, sabiex tannulla deċiżjoni mingħajr ma kellha għad-dispożizzjoni tagħha u mingħajr ma tkun eżaminat id-dikjarazzjonijiet inkwistjoni, jiġifieri r-risposta ta' Roca France għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

72. Barra minn hekk, l-imsemmija risposta ma tinsabx fil-proċess tal-kawża u ma ġietx ikkomunikata lir-rikorrenti fl-ewwel istanza[31].

29 — Sentenza Nederlandse Federatieve Vereniging voor de Groothadel op Elektrotechnisch Gebied vs Il-Kummissjoni (C-105/04 P, EU:C:2006:592, punti 69 u 70).

30 — Sentenza Sumitomo Metal Industries u Nippon Steel vs Il-Kummissjoni (C-403/04 P u C-405/04 P, EU:C:2007:52, punt 39).

31 — Ara l-punt 11(b) tar-risposta ta' Keramag *et*.

73. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, "minn naħa, li l-prinċipju ta' kontradittorju jinvolvi, bħala regola ġenerali, id-dritt tal-partijiet f'kawża li jaraw il-provi u l-osservazzjonijiet ippreżentati quddiem il-qorti u li jiddiskutuhom [32], u, min-naħa l-oħra, li huwa ksur ta' prinċipju bażiku ta' dritt li deċiżjoni ġudizzjarja tiġi bbażata fuq fatti u dokumenti li l-partijiet stess, jew xi waħda minnhom, ma setgħux jieħdu inkunsiderazzjoni u li, għaldaqstant, qatt ma setgħu jadottaw pożizzjoni dwarhom" [33].

74. Fil-fatt, "sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti relatati mad-dritt għal smigħ xieraq, il-partijiet għandu jkollhom għarfien u għandhom ikunu jistgħu jiddiskutu kontradittorjament kemm il-punti ta' fatt kif ukoll il-punti ta' liġi li jkunu deċiżivi għall-eżitu tal-proċeduri" [34].

75. Id-drittijiet tad-difiża huma drittijiet fundamentali li jifformaw parti integrali mill-prinċipji ġenerali tad-dritt li l-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura l-osservanza tagħhom [35]. Ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża fi proċedura quddiem il-Kummissjoni li jkollha l-għan li timponi multa fuq impriża għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni jeħtieġ li l-impriża kkonċernata titqiegħed f'pożizzjoni li tgħarraf effettivament il-perspettiva tagħha dwar ir-realtà u r-rilevanza tal-fatti u taċ-ċirkustanzi allegati kif ukoll dwar id-dokumenti użati mill-Kummissjoni insostenn tal-allegazzjoni tagħha tal-eżistenza ta' ksur tat-Trattat [36]. Dawn id-drittijiet jinsabu fl-Artikoli 41(2)(a) u (b) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

76. Għaldaqstant, il-fatt li l-Qorti Ġenerali, fil-punt 120 tas-sentenza Keramag, siltet il-konklużjonijiet tagħha minn deskrizzjoni fil-qosor mogħtija fid-deċiżjoni kontenzjuża tal-argumenti ta' Roca France, li jinsabu fir-risposta tagħha għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, mingħajr ma eżaminathom direttament u permezz tad-dikjarazzjoni tagħha li takkumpanja t-talba għal klemenza, imur kontra l-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża u jikser l-obbligu ta' motivazzjoni. Barra minn hekk, kif innotat il-Kummissjoni, jekk Roca France ma kinitx għenet lill-Kummissjoni, kif ikkonstatat il-Qorti Ġenerali fil-punt 120 tas-sentenza Keramag, din l-impriża ma kellhiex tibbenefika minn tnaqqis tal-multa fis-sentenza Roca Sanitario.

77. Kuntrarjament għall-fehma tal-Qorti Ġenerali (li tissuġġerixxi bidla fil-pożizzjonijiet espressi minn Roca France), naħseb li Roca France kienet qed tfittex li timminimizza l-valur probatorju tad-dikjarazzjonijiet ta' Ideal Standard sabiex iżżid il-valur miżjud miġjub permezz tad-dikjarazzjonijiet tagħha.

78. Din l-interpretazzjoni ma ngħatatx biss minni u mill-Kummissjoni f'din il-kawża. Din tikkorrispondi wkoll mal-konklużjonijiet tal-Qorti Ġenerali fis-sentenza Roca kawża li fiha, minbarra dan, il-Qorti Ġenerali eżaminat bħala tali r-risposta ta' Roca France għad-dikjarazzjonijiet tal-oġġezzjonijiet peress li dan id-dokument kien fil-fatt parti mill-atti tal-proċess (filwaqt li dan ma huwiex il-każ f'dan il-każ) u d-dikjarazzjonijiet ta' din l-impriża magħmula fil-kuntest tal-klemenza.

79. Din l-interpretazzjoni hija rilevanti iktar u iktar jekk ikun meħtieġ li tingħata iktar importanza lis-sentenza mogħtija fil-kawża fejn id-dokumenti inkwistjoni, li jagħmlu parti mill-proċess, ġew eżaminati biss fis-sentenza mogħtija f'kawża fejn dawn id-dokumenti jew ma ġewx eżaminati mill-Qorti Ġenerali, jew ma kinux parti mill-proċess.

32 — Sentenza Varec (C-450/06, EU:C:2008:91, punt 47).

33 — Sentenzi Snupat vs Awtorità Għolja (42/59 u 49/59, EU:C:1961:5, Ġabra, p. 101, 156), Plant *et* vs Il-Kummissjoni u South Wales Small Mines (C-480/99 P, EU:C:2002:8, punt 24), kif ukoll Corus UK vs Il-Kummissjoni (C-199/99 P, EU:C:2003:531, punt 19). Ara wkoll is-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Irlanda *et* (C-89/08 P, EU:C:2009:742, punt 52).

34 — Sentenza Il-Kummissjoni vs L-Irlanda *et* (C-89/08 P, EU:C:2009:742, punt 56).

35 — Sentenza Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6, punt 64). Ara wkoll is-sentenzi Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala (C-413/06 P, EU:C:2008:392, punt 61), u Solvay vs Il-Kummissjoni (C-109/10 P, EU:C:2011:686, punt 51 *et seq*).

36 — Sentenza Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6, punt 66).

80. Issa, jekk neżamina s-sentenza Roca iktar bir-reqqa, il-Qorti Ġenerali fiha stmat li l-provi prodotti minn Ideal Standard ma kinux suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza tal-ksur, filwaqt li Roca France kienet ġabet "valur miżjud sinjifikattiv" fid-dikjarazzjonijiet tagħha magħmula fil-kuntest tal-klemenza (punti 197 sa 202). Fil-punti segwenti (punti 203 *et seq*), il-Qorti Ġenerali eżaminat jekk kienx hemm kontradizzjoni bejn id-dikjarazzjoni ta' Roca France fil-kuntest tal-klemenza u r-risposta tagħha għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, u, fil-punt 210, iddeċidiet li "l-provi msemmija fil-premessa 586 tad-deċiżjoni kkontestata [kontenzjuża], kif żviluppati mill-Kummissjoni fil-kitbiet tagħha, ma jippermettux li jiġi konkluż li r-rikorrenti skreditat l-informazzjoni li hija stess kienet ipprovdiet. Fil-fatt, minn naħa, kemm mid-deċiżjoni kkontestata [kontenzjuża] kif ukoll mill-kitbiet tal-Kummissjoni jirriżulta li r-rikorrenti kkonfermat l-iskambji tal-prezz minimu dwar l-artikli [oġġetti] taċ-ċeramika ta' livell baxx fi ħdan l-AFICS b'mod partikolari fl-2004, liema ħaġa ma ġietx ikkontestata. Min-naħa l-oħra, huwa minnu li r-rikorrenti poġġiet f'dubju l-valur ta' prova [probatorju] tad-dikjarazzjoni ta' Ideal Standard relattiva għal-laqgħa tal-AFICS tal-25 ta' Frar 2004 u tad-dokument li din tal-aħħar ippreżentat insostenn tad-dikjarazzjoni tagħha. Madankollu, għandu jitqies li, meta għamlet hekk, ir-rikorrenti kkuntentat ruħha li tippreżenta lill-Kummissjoni argumenti intiżi biex jiġi stabbilit li l-provi ppreżentati minn Ideal Standard ma kinux suffiċjenti sabiex jistabbilixxu l-eżistenza tal-ksur relattiv għall-artikli taċ-ċeramika mwettaq fi Franza fl-2004, bil-għan li turi li l-informazzjoni li kienet hija stess ipprovdiet fil-kuntest tat-talba tagħha intiża biex tibbenefika minn tnaqqis fil-multa kienet neċessarja għall-Kummissjoni sabiex tipprova l-ksur imsemmi u, b'hekk, kellha valur miżjud sinjifikattiv".

81. B'hekk, il-konklużjonijiet dwar id-dikjarazzjonijiet ta' Roca France li huma esposti fis-sentenza Keramag u fis-sentenza Roca jikkontradixxu lil xulxin manifestament.

82. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta annullat parti mid-deċiżjoni kontenzjuża billi bbażat fuq dokument li ma jinsabx fil-proċess u li minnu siltet ukoll konklużjonijiet oħra f'kawża parallela fejn dan kien inkluż fil-proċess u kien suġġett għal diskussjonijiet fil-fond.

83. Għad irridu naraw jekk il-Qorti Ġenerali, fl-istess punt 120 tas-sentenza Keramag tagħha, kinitx żbaljata meta ddeċidiet li "[b]'hekk, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ma setgħetx tibbaża, fl-assenza ta' provi li jikkorroborawhom, fuq id-dikjarazzjonijiet ta' Roca [France] fil-kuntest tat-talba tagħha skont [l-]avviż [dwar il-klemenza] sabiex tipprova li saret koordinazzjoni tal-prezzijiet minimi waqt l-imsemmija laqgħa".

84. L-ewwel nett, nammetti li minkejja l-kelma "b'hekk", ma iniex qed nara li hemm rabta bejn ir-riferiment għall-premessa 586 tad-deċiżjoni kontenzjuża u l-impossibbiltà għall-Kummissjoni li tibbaża fuq id-dikjarazzjonijiet ta' Roca France li kienu jakkumpanjaw it-talba għal klemenza tagħha.

85. Insegwitu, fil-punt 197 tas-sentenza Roca, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li "mingħajr l-informazzjoni pprovduta [*minn Roca France], il-Kummissjoni ma kinitx tkun tista' tipprova*, abbażi biss tal-provi ppreżentati minn Ideal Standard fil-kuntest tat-talba tagħha intiża biex tibbenefika minn tnaqqis fil-multa, il-ksur relattiv għall-artikli [oġġetti] taċ-ċeramika mwettaq fi Franza fl-2004" (enfasi miżjuda minni).

86. Barra minn hekk, fis-sentenzi Duravit (punt 324) u Villeroy & Boch Austria (punti 289 u 290), il-Qorti Ġenerali semmiet b'mod espliċitu d-dikjarazzjoni ta' Roca France fil-kuntest tal-klemenza bħala element ta' serje ta' provi *li kienu jippermettulha tikkonkludi li l-ksur relattiv għall-oġġetti taċ-ċeramika fi Franza kien stabbilit*. Il-Qorti Ġenerali f'dawn iż-żewġ sentenzi tqis li Ideal Standard u Roca France kkonfermaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom b'mod reċiproku [37].

37 — Mill-inqas f'dak li jikkonċerna l-prodotti "ta' livell baxx", billi l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni huma relatati ma' dawn il-prodotti. Ara l-aħħar sentenza tal-premessa 590 tad-deċiżjoni kontenzjuża.

87. Fil-fatt, il-kunċett tal-korroborazzjoni mhux bilfors jinvolvi sitwazzjoni fejn wieħed ikollu l-istess prova darbtejn jew tliet darbiet. Għall-kuntrarju, dan jinvolvi żewġ elementi jew tlieta minn "puzzle" differenti li jaqblu flimkien u, b'hekk, jagħtu stampa sħiħa.

88. B'hekk, il-Qorti Ġenerali stabbilixxiet, fis-sentenzi Villeroy & Boch Austria, Duravit u Roca, li dikjarazzjoni fil-kuntest tal-klemenza setgħet tiġi kkorroborata minn dikjarazzjoni oħra, u dan ma huwiex sorprendenti. Issa, fis-sentenza Keramag, il-Qorti Ġenerali lanqas biss eżaminat il-valur probatorju tad-dikjarazzjoni ta' Roca France, u lanqas il-punt sa fejn din kienet tikkorrobora lil dik ta' Ideal Standard, hekk kif irreferiet sempliċement għal fraži mid-deskrizzjoni fil-qosor tar-risposta ta' Roca France għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet (filwaqt li dan id-dokument ma kienx parti mill-proċess tal-kawża).

89. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti nislet żewġ konklużjonijiet.

90. L-ewwel nett, naħseb (bħall-Kummissjoni) li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali hija vvizzjata minn nuqqas ta' motivazzjoni, minn naħa, minħabba li ma eżaminatx il-valur probatorju tad-dikjarazzjoni ta' Roca France, speċjalment billi din hija prova determinanti fis-sentenzi Villeroy & Boch Austria, Duravit u Roca, u min-naħa l-oħra billi ssostitwixxiet eżami simili b'ċitazzjoni, barra mill-kuntest tagħha, ta' deskrizzjoni fil-qosor (li tinsab fid-deċiżjoni kkontestata) tar-risposta ta' Roca France għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet (li ġiet interpretata wkoll b'mod differenti fis-sentenza Roca).

91. Fil-fehma tiegħi, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx tibbaża mingħajr motivazzjoni fuq il-ġurisprudenza li tawtorizzaha ma teżaminax il-valur ta' provi neqsin mir-rilevanza [38], minħabba li, f'dawn it-tliet sentenzi paralleli, il-Qorti Ġenerali qieset li din il-prova kienet tassew rilevanti.

92. It-tieni nett, naqbel mal-Kummissjoni li d-dikjarazzjoni tal-Qorti Ġenerali, li tinsab fil-punt 120 tas-sentenza Keramag, li skontha dikjarazzjoni fil-kuntest tal-klemenza ma tistax tikkorrobora lil oħra, hija wkoll ivvizzjata minn żball ta' liġi, peress li l-Qorti Ġenerali għall-kuntrarju qieset ġustament, fit-tliet kawżi paralleli, li dikjarazzjoni ta' klemenza setgħet tkun ikkorroborata minn oħra u waslet għall-konklużjoni li d-dikjarazzjonijiet ta' Ideal Standard u ta' Roca France jikkonfermaw ta' xulxin (mill-inqas f'dak li jirrigwarda l-prodotti "ta' livell baxx").

– It-tieni argument: Il-motivazzjonijiet kontradittorji fis-sentenzi Keramag, minn naħa, u Villeroy & Boch Austria, Duravit u Roca, min-naħa l-oħra Tfakkira tal-ġurisprudenza

93. Huwa minnu li, skont il-ġurisprudenza [39], "l-obbligu tal-Qorti Ġenerali sabiex tagħti motivazzjoni għas-sentenzi tagħha *fil-prinċipju* ma jistax jiġi estiż sabiex jiġi impost fuqha obbligu li tiġġustifika s-soluzzjoni li waslet għaliha f'kawża waħda fid-dawl ta' dik li nstabet f'oħra li tressqet quddiemha, anki jekk kienet tikkonċerna l-istess deċiżjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, jekk destinatarju ta' deċiżjoni jiddeċiedi li jippreżenta rikors għal annullament, il-qorti tal-Unjoni hija kompetenti biss fuq l-elementi tad-deċiżjoni li jikkonċernaw dan id-destinatarju. Mill-banda l-oħra, dawk li jirrigwardaw destinatarji oħra ma jaqgħux taħt is-suġġett tat-tilwima li l-qorti tal-Unjoni għandha tiddeċiedi dwaru" (enfasi miżjuda minni).

94. Mill-ġurisprudenza [40] jirriżulta wkoll li "l-istħarriġ imwettaq mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tevalwa aggravju bbażat fuq żnaturament ta' prova huwa limitat għall-verifika tal-fatt li, il-Qorti Ġenerali, billi bbażat fuq dan l-element biex tikkonstata l-parteċipazzjoni f'akkordju, ma marritx *manifestament* lil hinn mil-limiti ta' evalwazzjoni raġonevoli ta' dik il-prova. Għaldaqstant, f'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandiex tevalwa b'mod awtonomu jekk il-Kummissjoni stabbilixxietx suffiċjentement

38 — Sentenza Dorsch Consult vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-237/98 P, EU:C:2000:321, punti 50 u 51).

39 — Sentenza Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni (C-444/11 P, EU:C:2013:464, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 — Sentenza Siemens *et* vs Il-Kummissjoni (C-239/11 P, C-489/11 P u C-498/11 P, EU:C:2013:866, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

fid-dritt tali parteċipazzjoni u b'hekk ħelset mill-oneru tal-prova li kellha sabiex turi l-eżistenza ta' ksur tar-regoli tad-dritt tal-kompetizzjoni, iżda li tiddetermina jekk, billi kkonkludiet li dan kien effettivament il-każ, il-Qorti Ġenerali interpretatx il-prova b'mod li huwa *manifestament* kuntrarju għall-kliem tagħha" (enfasi miżjuda minni).

Analiżi

95. Jien tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja marret "manifestament lil hinn mil-limiti ta' evalwazzjoni raġonevoli" ta' prova billi ttrattatha b'mod radikalment differenti f'kawżi paralleli relatati mal-istess ksur u mal-istess deċiżjoni.

96. Barra minn hekk, nirrileva li, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, huwa "fil-prinċipju" li "l-obbligu tal-Qorti Ġenerali sabiex tagħti motivazzjoni għas-sentenzi tagħha […] ma jistax jiġi estiż sabiex jiġi impost fuqha obbligu li tiġġustifika s-soluzzjoni li waslet għaliha f'kawża waħda fid-dawl ta' dik li nstabet f'oħra li tressqet quddiemha, anki jekk kienet tikkonċerna l-istess deċiżjoni", u dan jassumi l-possibbiltà ta' sitwazzjonijiet eċċezzjonali fejn il-ġurisprudenza dwar il-motivazzjoni kontradittorja, li tapplika b'mod ġenerali fir-rigward tal-motivazzjoni mogħtija *f'sentenza waħda*, għandha tapplika wkoll fir-rigward ta' motivazzjoni kontradittorja mogħtija f'sentenzi paralleli. Naħseb li dan huwa l-każ f'din il-kawża.

97. Fil-fatt, l-appelli inkwistjoni f'dawn il-konklużjonijiet jirrigwardaw sitwazzjoni pjuttost mhux tas-soltu. Il-Kummissjoni kkonstatat ksur uniku, kontinwu u kumpless [41] li jkopri diversi Stati Membri u tliet livelli ta' prodotti (oġġetti taċ-ċeramika, diviżorji tad-doċċa u viti u fittings). Issa, f'erba' sentenzi, fir-rigward tal-istess premessi tal-istess deċiżjoni kontenzjuża u dwar l-istess fatti u l-istess serje ta' provi eżattament, il-Qorti Ġenerali waslet għal żewġ konklużjonijiet kompletament opposti. Fi tliet sentenzi (sentenzi Villeroy & Boch Austria, Duravit u Roca), il-ksur tal-AFICS skont il-Qorti Ġenerali ġie pprovat, filwaqt li qieset il-kuntrarju fis-sentenza Keramag, u dan fuq il-bażi tal-istess prova, li ntlaqgħet fl-ewwel tliet sentenzi u miċħuda fir-raba' waħda, dan kollu mingħajr motivazzjoni għal din id-differenza.

98. Dan iwassal sabiex nikkonkludi li l-interpretazzjoni tar-risposta ta' Roca France u r-riferiment għar-risposta tagħha għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet magħmula fis-sentenza Keramag jiżnaturaw il-provi preżenti fil-proċess.

99. Dan l-iżball ta' liġi jiżdied mal-iżbalji ta' liġi l-oħra li kellhom impatt determinanti fuq l-eżitu tal-kawża (ma mmotivatx in-nuqqas ta' eżami tat-talba għal klemenza ta' Roca France, annullat id-deċiżjoni kontenzjuża abbażi ta' dokument li ma kienx inkluż fil-proċess u qieset li dikjarazzjoni fil-kuntest tal-klemenza ma setgħetx tikkorrobora lil oħra).

100. Għaldaqstant, it-tieni parti tal-ewwel aggravju tal-Kummissjoni għandha tintlaqa'.

b) It-tielet parti tal-ewwel aggravju (il-Qorti Ġenerali kienet qieset bi żball li t-tabella pprovduta minn Ideal Standard bħala anness mat-talba għal klemenza tagħha kellha, waħedha, tipprova l-eżistenza ta' kuntatti antikompetittivi, mingħajr ma eżaminat l-ispjegazzjonijiet b'rabta ma' din it-tabella)

101. Il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali, bi ksur tal-ġurisprudenza stabbilita, interpretat ir-rekwiżit ta' korroborazzjoni tal-provi b'mod restrittiv wisq f'dak li jirrigwarda t-tabella msemmija iktar 'il fuq dwar il-laqgħa tal-AFICS tal-25 ta' Frar 2004.

41 — Ara, f'dan ir-rigward, Riley, D., "Revisiting the Single and Continuous Infringement of Article 101: The Significance of Anic in a New Era of Cartel Detection and Analysis", *World Competition Law and Economics Review*, Kluwer, 2014, Vol. 37, Nru 3, p. 293 sa 318.

102. Min-naħa tagħhom, Keramag *et* iqisu li l-Qorti Ġenerali eżaminat din it-tabella b'mod korrett u li l-Kummissjoni ma tatx spjegazzjonijiet li jistgħu jsostnu l-konklużjoni li l-laqgħa tal-AFICS tal-25 ta' Frar 2004 kienet tikkonċerna d-diskussjonijiet antikompetittivi.

103. L-ewwel nett, nirrileva li l-Qorti Ġenerali rrifjutat li tagħti lil din it-tabella n-natura ta' prova dokumentarja li tikkorrobora l-iffissar tal-prezzijiet fil-kuntest tal-imsemmija laqgħa tal-AFICS tal-25 ta' Frar 2004, kif deskritt minn Ideal Standard fid-dikjarazzjonijiet tagħha li jakkumpanjaw it-talba għal klemenza tagħha (ara l-punt 119 tas-sentenza Keramag), minħabba li "ma hijiex datata", "ma fiha l-ebda indikazzjoni li tista' tistabbilixxi rabta bejnha u l-laqgħa tal-AFICS tal-25 ta' Frar 2004 jew ma' diskussjonijiet antikompetittivi" u "ma ssemmix l-ismijiet ta' kompetituri jew ta' prezzijiet minimi jew massimi li għandhom japplikaw dawn il-kompetituri".

104. Fis-sentenza Salzgitter Mannesmann vs Il-Kummissjoni (C-411/04 P, EU:C:2007:54, punt 47), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat l-approċċ tal-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata, jiġifieri "li element ta' prova ta' oriġini anonima, bħad-dokument 'ċavetta ta' tqassim' ma jistax minnu nnifsu jistabbilixxi l-eżistenza ta' ksur tad-dritt Komunitarju fuq il-kompetizzjoni" u li "għandu jiġi kkunsidrat li […] l-elementi jistgħu jsaħħu ruħhom reċiprokament".

105. Fil-fatt, il-provi korroboranti jistgħu jkunu elementi li, jekk waħedhom ma jurux l-eżistenza tal-ksur, jistgħu jikkontribwixxu sabiex isostnu provi oħrajn bħal talba għal klemenza.

106. Fl-istess sentenza Salzgitter Mannesmann vs Il-Kummissjoni (C-411/04 P, EU:C:2007:54, punti 44 sa 50), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li anki l-oriġini anonima tad-dokument ma kinitx biżżejjed sabiex iċċaħħdu minn kull valur probatorju jekk l-oriġini tiegħu, id-data probabbli tat-tfassil tiegħu u l-kontenut tiegħu setgħu jiġu ddeterminati b'biżżejjed ċertezza [42]. Barra minn hekk, anki jekk id-dokument ma jkunx iffirmat, l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-impriża li l-kollaboratur tagħha jkun irrediġa dan id-dokument għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni [43].

107. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali injorat l-ispjegazzjonijiet mogħtija minn Ideal Standard dwar iċ-ċirkustanzi li taħthom ġiet redatta din it-tabella, l-awtur tagħha, id-data tagħha, eċċ., filwaqt li t-tabella kienet ġiet redatta minn xhud ta' avvenimenti, li kien relatat mill-qrib magħhom, u dawn huma fatturi li, fil-prinċipju, isaħħu l-affidabbiltà tagħha [44].

108. Konsegwentement, jien tal-fehma (bħall-Kummissjoni) li l-Qorti Ġenerali, billi imponiet rekwiżiti mhux raġonevoli u ristrettivi wisq fuq il-provi meqjusa waħedhom, u, fi kwalunkwe każ, fuq l-eżami globali tagħhom, neħħiet kull sinjifikat lill-ġurisprudenza eżistenti dwar il-possibbiltà ta' korroborazzjoni reċiproka ta' dawn il-provi.

109. Għaldaqstant jien tal-fehma li, billi eżiġiet li din it-tabella turi, fiha nnifisha, l-eżistenza tal-ksur, mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni l-provi u l-ispjegazzjonijiet supplimentari l-oħra (dawk fit-talba għal klemenza ta' Ideal Standard), il-Qorti Ġenerali kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha.

42 — Sentenza Shell vs Il-Kummissjoni (T-11/89, EU:T:1992:33, punt 86). Ara wkoll is-sentenzi Cimenteries CBR *et* vs Il-Kummissjoni (T-25/95, T-26/95, T-30/95 sa T-32/95, T-34/95 sa T-39/95, T-42/95 sa T-46/95, T-48/95, T-50/95 sa T-65/95, T-68/95 sa T-71/95, T-87/95, T-88/95, T-103/95 u T-104/95, EU:T:2000:77, punt 901); Groupe Danone vs Il-Kummissjoni (T-38/02, EU:T:2005:367, punt 288); FNCBV *et* vs Il-Kummissjoni (T-217/03 u T-245/03, EU:T:2006:391, punt 124); l-appell ġie miċħud: sentenzi Coop de France bétail et viande *et* vs Il-Kummissjoni, C-101/07 P u C-110/07 P, EU:C:2008:741); kif ukoll Total Raffinage Marketing vs Il-Kummissjoni (T-566/08, EU:T:2013:423, punt 81) (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 14 ta' dawn il-konklużjonijiet).

43 — Ara, pereżempju, is-sentenza Lafarge vs Il-Kummissjoni (T-54/03, EU:T:2008:255, punti 369 u 373), fejn Lafarge kkontestat il-valur probatorju ta' nota anonima u mingħajr destinatarju. Il-Qorti Ġenerali kienet qieset spjegazzjonijiet mogħtija minn Gyproc dwar l-awtur tan-nota u l-kundizzjonijiet li taħthom ġiet redatta.

44 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Ensidesa vs Il-Kummissjoni (C-198/99 P, EU:C:2003:530, punt 312); Nederlandse Federatieve Vereniging voor de Groothandel op Elektrotechnisch Gebied vs Il-Kummissjoni (T-5/00 u T-6/00, EU:T:2003:342, punt 181), u JFE Engineeringy *et* vs Il-Kummissjoni (T-67/00, T-68/00, T-71/00 u T-78/00, EU:T:2004:221), punt 207.

110. Din il-konklużjoni hija msaħħa mill-fatt li l-evalwazzjoni tal-istess prova fil-kawża parallela Duravit wasslet għal konklużjoni kompletament differenti, jiġifieri għan-natura probatorja tal-imsemmija tabella. B'hekk, li kieku l-Qorti Ġenerali eżaminat l-ispjegazzjonijiet inkwistjoni — bħalma għamlet ġustament fis-sentenza Duravit — l-eżitu tal-kawża preżenti kien ikun differenti.

111. Minn dan jirriżulta li t-tielet parti tal-ewwel aggravju tal-Kummissjoni għandha tintlaqa'.

c) Il-ħames parti (il-Qorti Ġenerali ma wettqitx evalwazzjoni globali)

112. Il-*Kummissjoni* ssostni li l-Qorti Ġenerali, billi ma eżaminatx diversi provi (b'mod partikolari t-tabelli ta' kull xahar li jinkludu ċifri kunfidenzjali dwar il-bejgħ jew id-dikjarazzjoni ta' Laligné), u billi applikat rekwiżiti ta' prova stretti wisq f'dak li jirrigwarda l-elementi li effettivament eżaminat, kienet naqset milli twettaq evalwazzjoni globali tagħhom, kif teżiġi l-ġurisprudenza stabbilita.

113. Keramag *et* josservaw li huma invokaw id-dikjarazzjoni ta' Laligné sabiex juru n-nuqqas ta' koerenza tat-talbiet għal klemenza ta' Ideal Standard u li l-imsemmija dikjarazzjoni, fi kwalunkwe każ, ma kinitx rilevanti għad-deċiżjoni kontenzjuża. Huma jsostnu li n-nuqqas ta' eżami ta' ċerti provi, b'mod partikolari ta' dawk li ma humiex rilevanti, ma jfissirx li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx eżami globali.

114. Fil-fehma tiegħi, il-Qorti Ġenerali effettivament ma eżaminatx jekk l-eżistenza ta' aġir antikompetittiv tistax tiġi dedotta minn għadd ta' koinċidenzi u indizji li, meta meqjusa flimkien, jistgħu jikkostitwixxu prova ta' ksur [45].

115. Peress li naqset milli teżamina diversi provi rilevanti u eżiġiet, fil-punt 119 tas-sentenza Keramag, li tabella dwar laqgħa antikompetittiva, invokata bħala prova korroboranti, kellha tkun datata u tinkludi l-ismijiet tal-kompetituri, kif ukoll l-indikazzjonijiet tal-prezz minimu u massimu, il-Qorti Ġenerali, fil-fatt, eżiġiet li tali tabella tikkostitwixxi, fiha nnifisha, prova suffiċjenti sabiex tipprova l-eżistenza tal-ksur.

116. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod ċar ħafna ammettiet li l-provi differenti ta' akkordju kienu normalment frammentati u mxerrda.

117. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li "sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ksur tal-Artikolu 81(1) KE, hemm bżonn li l-Kummissjoni tikkunsidra provi serji, preċiżi u konkordanti […]. Madankollu, kull prova prodotta minn din tal-aħħar ma għandhiex neċessarjament tissodisfa dawn il-kriterji fir-rigward ta' kull element ta' ksur. Huwa biżżejjed li l-ġabra ta' indizji invokati mill-imsemmija istituzzjoni, evalwati globalment, tissodisfa dan ir-rekwiżit. […] Għalhekk, anki jekk jiġi preżunt […] li l-ebda element differenti tal-ksur inkwistjoni ma jikkostitwixxi, meta kkunsidrat separatament, akkordju jew prattika miftiehma, ipprojbiti mill-Artikolu 81(1) KE, tali konklużjoni ma tipprekludix li l-imsemmija elementi, meqjusa globalment, jitqiesu li huma akkordju jew prattika miftehma […]. Fil-fatt, […], peress li l-projbizzjoni mill-parteċipazzjoni fi prattiki u f'akkordji antikompetittivi kif ukoll is-sanzjonijiet li jinkorri min jikser din il-projbizzjoni huma magħrufa, huwa komuni li l-attivitajiet li jinvolvu dawn il-prattiki u dawn l-akkordji jseħħu b'mod klandestin, li l-laqgħat jinżammu b'mod sigriet, l-iktar spiss f'terzi pajjiżi, u li d-dokumentazzjoni relatata titnaqqas kemm jista' jkun. Anki jekk il-Kummissjoni tiskopri xi dokumenti li juru b'mod espliċitu li kien hemm kuntatt illegali bejn operaturi, bħal minuti ta' laqgħa, dawn is-soltu jkunu miktuba f'biċċiet u mifruxin, b'mod li spiss

45 — Sentenza Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6), punti 55 sa 57.

jirriżulta neċessarju li jiġu rrikostitwiti ċerti dettalji permezz ta' deduzzjonijiet. Fil-parti l-kbira tal-każijiet, l-eżistenza ta' prattika jew akkordju antikompetittivi jkollha tiġi dedotta minn ċertu numru ta' koinċidenzi u indizji li, meta kkunsidrati flimkien, jistgħu jikkostitwixxu, fin-nuqqas ta' spjegazzjoni oħra koerenti, il-prova ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni" [46].

118. L-impatt tal-imsemmi żball fuq l-eżitu tal-kawża jintwera mill-fatt li, fi tliet kawżi paralleli, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod differenti.

119. Peress li ma eżaminatx jekk il-provi, eżaminati b'mod globali, setgħux isaħħu ruħhom reċiprokament [47], il-Qorti Ġenerali kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha.

120. Minn dan jirriżulta li għall-istess raġunijiet bħal dawk li ġġustifikaw li tintlaqa' t-tielet parti, il-ħames parti tal-ewwel aggravju wkoll għandha tintlaqa'.

121. Għaldaqstant nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza Keramag [48].

d) Il-konsegwenzi ta' annullament tas-sentenza Keramag mill-Qorti tal-Ġustizzja

122. Il-kunsiderazzjonijiet preċedenti wrew li s-serje ta' provi użati fis-sentenza Keramag kienet relattivament limitata, iżda peress li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-vantaġġ li tagħmel użu minn diversi sentenzi oħrajn tal-Qorti Ġenerali li eżaminaw dawn il-provi fid-dettall, naħseb li l-prinċipju ta' ekonomija tal-ġudizzju jeżiġi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi hija stess dwar ir-rikors għal annullament ippreżentat minn Keramag *et* fl-ewwel istanza.

123. F'dan ir-rikors, dawn sostnew, essenzjalment, li l-konklużjoni tal-Kummissjoni fil-premessi 556 u 590 tad-deċiżjoni kontenzjuża, skont liema Allia u PCT kienu kkoordinaw il-prezzijiet minimi tagħhom għall-prodotti ta' livell baxx waqt laqgħa organizzata fil-25 ta' Frar 2004 fil-kuntest tal-AFICS, kienet ibbażata fuq provi li huma inammissibbli, jew mhux affidabbli, mhux ikkorroborati u insuffiċjenti.

124. Issa, kif rajna iktar 'il fuq, kuntrarjament għas-sentenza Keramag, fejn il-Qorti Ġenerali wettqet diversi żbalji ta' liġi fl-analiżi tal-avvenimenti li seħħew fi ħdan l-AFICS, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet ġustament fis-sentenza Villeroy & Boch Austria (punt 286) li "[f]il-premessa 556 tal-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni indikat li ma kellhiex provi li jippermettu li tiġi stabbilita l-parteċipazzjoni tal-membri tal-AFICS f'diskussjonijiet dwar il-koordinazzjoni tal-prezzijiet qabel il-laqgħa tal-AFICS tal-25 ta' Frar 2004. Fil-premessa 572 tad-deċiżjoni [kontenzjuża], il-Kummissjoni semmiet li, skont Ideal Standard, il-parteċipanti fl-imsemmija laqgħa kienu qablu li l-prezzijiet minimi tagħhom kienu baxxi wisq u li jeħtieġ li jogħlew, b'mod partikolari billi jżidu l-listi ta' prezzijiet tagħhom bi 3 %. Fil-premessa 573 tad-deċiżjoni [kontenzjuża], il-Kummissjoni ppreċiżat li din l-informazzjoni kienet ikkorroborata minn Roca [France]. Fil-premessa 574 tal-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni kkonstatat li l-parteċipanti kienu skambjaw informazzjoni kunfidenzjali dwar il-prezzijiet u l-bejgħ wara din il-laqgħa".

46 — Sentenza Knauf Gips vs Il-Kummissjoni (C-407/08 P, EU:C:2010:389, punti 47 sa 49).

47 — Sentenza Salzgitter Mannesmann vs Il-Kummissjoni (C-411/04 P, EU:C:2007:54), punt 47.

48 — Nixtieq niġbed l-attenzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja lejn il-fatt li bl-appell tagħha, il-Kummissjoni ma appellatx mill-konklużjonijiet tas-sentenza Keramag li wasslu għal tnaqqis żgħir fil-parteċipazzjoni ta' Pozzi Ginori fil-ksur fis-suq Taljan (punt 245 tas-sentenza Keramag), peress li dawn il-konklużjonijiet barra minn hekk ma jaffettwawx l-ammont tal-multa (punti 337 u 338 tal-imsemmija sentenza).

125. L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali fil-punt 287 tal-imsemmija sentenza ddeċidiet li "fir-rigward tal-argument ta' Villeroy & Boch u ta' Villeroy & Boch France, skont liema l-Kummissjoni ma tat l-ebda prova li turi l-parteċipazzjoni ta' Villeroy & Boch France fit-tliet laqgħat tal-AFICS li saru fl-2004 (ara l-Anness 11 tad-deċiżjoni [kontenzjuża]), hemm lok li dan jiġi miċħud bħala infondat. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-premessi 572 u 573 tad-deċiżjoni [kontenzjuża], il-Kummissjoni bbażat fuq id-dikjarazzjonijiet ta' Ideal Standard u ta' Roca [France] sabiex tistabbilixxi l-parteċipazzjoni ta' Villeroy & Boch France f'dawn il-laqgħat".

126. It-tieni nett, skont il-punt 288 ta' din is-sentenza, "l-argumenti ta' Villeroy & Boch u ta' Villeroy & Boch France li skonthom il-Kummissjoni ma stabbilixxietx b'mod suffiċjenti fid-dritt il-prova ta' diskussjonijiet illeċiti waqt il-laqgħa tal-AFICS tal-25 ta' Frar 2004, ladarba bbażat fuq dikjarazzjonijiet orali magħmula *a posteriori*, vagi u kontradittorji, għandhom jiġu miċħuda bħala infondati, u dan il-Kummissjoni rrikonoxxietu wkoll fid-deċiżjoni [kontenzjuża]".

127. Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali fakkret, fil-punt 289 tal-imsemmija sentenza, li "[f]il-fatt, għalkemm mill-ġurisprudenza jirriżulta li d-dikjarazzjoni ta' benefiċjarju ta' tnaqqis totali jew parzjali tal-multi li hija kkontestata minn parti għandha tiġi kkorroborata [49], xejn ma jipprekludi li tali korroborazzjoni tista' tirriżulta minn testimonjanza ta' impriża oħra li ħadet sehem fl-akkordju, meta din tal-aħħar tassew ukoll kienet ibbenefikat minn tnaqqis tal-multi. Din il-korroborazzjoni tikkonferma wkoll li saru diskussjonijiet dwar il-prezzijiet minimi, peress li dawn id-diskussjonijiet issemmew fil-minuti tal-laqgħa tal-AFICS tal-25 ta' Frar 2004".

128. Barra minn hekk, fil-punt 290 ta' din is-sentenza, wara analiżi tad-dikjarazzjoni ta' Roca France u ta' dik ta' Ideal Standard (filwaqt li kkonkludiet li l-ewwel waħda kienet iktar vaga u iktar sottili mit-tieni waħda), il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li "[d]in madankollu ma tqajjimx dubji dwar il-konstatazzjoni li t-testimonjanza ta' Roca [France] essenzjalment tikkonferma l-perijodu, il-post, il-parteċipanti u s-suġġett tad-diskussjonijiet illeċiti inkwistjoni, kif jissemma' f'punt fuq l-aġenda. F'dawn il-kundizzjonijiet, hemm lok li jiġi kkonstatat li d-dikjarazzjoni ta' Ideal Standard, kif ikkorroborata minn dik ta' Roca [France], tistabbilixxi b'mod suffiċjenti fid-dritt li saru d-diskussjonijiet illeċiti inkwistjoni".

129. Fil-punt 293 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali żżid tgħid li "anki jekk il-Kummissjoni ma tibbażax fuq [id-dikjarazzjoni magħmula minn Duravit fil-kuntest tat-talba għal tnaqqis tal-multa tagħha skont l-Avviż tal-2002 dwar il-kooperazzjoni] fid-deċiżjoni [kontenzjuża], il-fatt hu li, kuntrarjament għal dak li jsostnu Villeroy & Boch u Villeroy & Boch France, Duravit ikkonfermat ukoll id-dikjarazzjoni ta' Ideal Standard fir-rigward tal-kontenut tad-diskussjonijiet illeċiti li 'probabbilment' saru fil-25 ta' Frar 2004".

130. Finalment, fil-punt 295, il-Qorti Ġenerali kkonfermat li "d-dikjarazzjonijiet ta' Ideal Standard u ta' Roca [France] kienu biżżejjed biex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE […] li jirriżulta mill-parteċipazzjoni fil-laqgħa tal-AFICS tal-25 ta' Frar 2004".

131. Konsegwentement, għall-finijiet ta' dan l-appell, il-kunsiderazzjonijiet preċedenti japplikaw *mutatis mutandis* fil-każ ta' Keramag *et* hu huma biżżejjed sabiex jiġi miċħud — bħalma għamlet il-Qorti Ġenerali fis-sentenzi Villeroy & Boch Austria u Duravit — ir-rikors għal annullament ta' Keramag *et* għal dak li jirrigwarda l-avvenimenti li seħħew fi ħdan l-AFICS.

49 — Sentenza JFE Engineering *et* vs Il-Kummissjoni (T-67/00, T-68/00, T-71/00 u T-78/00, EU:T:2004:221, punt 219).

2. Fuq l-appell inċidentali (fuq it-tieni aggravju)

132. It-tieni aggravju tal-appell inċidentali, essenzjalment, jirrigwarda żewġ elementi relatati: żnaturament allegat ta' fatti minn naħa, u inkoerenza allegata mas-sentenza Wabco Europe *et* vs Il-Kummissjoni (T-380/10, EU:T:2013:449) (magħrufa wkoll bl-isem is-"sentenza Ideal Standard", iktar 'il quddiem is-"sentenza Wbco"), min-naħa l-oħra.

a) Żnaturament tal-fatti?

133. Keramag *et* isostnu, sussidjarjament, li l-konstatazzjoni magħmula fil-punt 289 tas-sentenza Keramag, li skontha d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kien fiha biżżejjed informazzjoni sabiex Keramag *et* ikunu jistgħu "isiru jafu, b'mod preċiż, dwar l-aġir allegat kontra Pozzi Ginori", evidentement tkun tikkostitwixxi żnaturament tal-kontenut tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet li jista' jwassal għal appell.

134. Huma jsostnu li, peress li kien indikat biss, fil-punt 277 tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, li Pozzi Ginori kien preżenti waqt ċerti laqgħat li matulhom seħħ "aġir antikompetittiv", iżda li n-*natura* ta' dan l-aġir ma ġietx indikata fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx tqisha bħala suffiċjentement preċiża. Il-konstatazzjoni magħmula fil-punt 289 tas-sentenza Keramag ["fil-punt 277 tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, il-Kummissjoni indikat lir-rikorrenti n-natura tal-aġir (waqt il-laqgħat tal-grupp Michelangelo) identifikat mill-Kummissjoni, kemm sar ta' spiss u d-data preċiża ta' meta sar kif ukoll il-provi li kellha", b'tali mod li d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kienet tippermetti li Kermag *et* "isiru jafu, b'mod preċiż, dwar l-aġir allegat kontra Pozzi Ginori"] tikkontradixxi direttament lil dik dwar l-adegwatezza tal-istess test tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet fis-sentenza Wabco, u dan fih innifsu jikkostitwixxi indikazzjoni ta' żnaturament tal-fatti.

135. Nikkonstata (bħall-Kummissjoni) li Keramag *et* ma ċċitaw l-ebda prova li allegatament ġiet żnaturata u fil-fatt ammettew li, fil-punt 288 tas-sentenza Keramag, il-Qorti Ġenerali kienet fakkret b'mod korrett il-kontenut tal-punt 277 tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Konsegwentement, huma qed jitolbu biss li l-Qorti tal-Ġustizzja terġa' teżamina dan il-punt.

136. Fi kwalunkwe każ, anki jekk Keramag *et* ipprovaw isibu sostenn fis-sentenza Daniels Midland vs Il-Kummissjoni (C-511/06 P, EU:C:2009:433), billi sostnew li l-Qorti Ġenerali ma applikatx il-kriterju legali żviluppat fl-imsemmija sentenza sabiex tevalwa l-kapaċità ta' Keramag *et* li jiddefendu lilhom infushom b'mod utli, dan l-argument ma jistax jirnexxi. Fil-fatt, l-aġir antikompetittiv ġie deskritt fil-punti 256 u 393 sa 400 ta' din il-komunikazzjoni, u Keramag *et*, bir-risposta tagħhom għall-imsemmija komunikazzjoni, urew li kienu tassew fehmu n-"natura" tal-aġir antikompetittiv inkwistjoni. L-allegata insuffiċjenza tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet b'hekk ma seta' jkollha l-ebda impatt fuq il-proċedura.

b) Inkoerenza bejn is-sentenzi Keramag et u Wabco?

137. Keramag *et* isostnu li l-Qorti Ġenerali kkonkludiet li d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet fir-rigward tal-ksur fis-settur taċ-ċeramika fl-Italja kienet ta' natura insuffiċjenti billi bbażat fuq motivazzjoni kontradittorja u li ma mmotivatx b'mod adegwat is-sentenza tagħha f'dan ir-rigward. Huma jsostnu li l-evalwazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, fir-rigward tal-laqgħat tal-grupp Michelangelo, fil-kawża parallela Wabco, hija f'kontradizzjoni ma' dik magħmula f'din il-kawża. Skont Keramag *et*, id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet għandu jkollha portata identika għad-destinatarji kollha.

138. Fi kwalunkwe każ, il-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali hija vvizzjata b'insuffiċjenza ta' motivazzjoni peress li ma jkunx possibbli li jiġu vverifikati r-raġunijiet għaliex l-evalwazzjoni tal-livell ta' dettall fl-istess punt tal-istess dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet għandha tkun differenti fis-sentenza Keramag, minn naħa, u fil-kawża Wabco, min-naħa l-oħra.

139. Keramag *et* iqisu li tali differenza li tikkonċerna d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kisret id-drittijiet tad-difiża tagħhom b'tali mod li l-għażla tal-istrateġija ta' difiża tagħhom probabbilment kienet tkun differenti li kieku kienu informati, b'mod korrett, dwar l-akkużi kontrihom. Huma jsostnu li l-fatt li d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma żvelatx l-akkużi kontra Sanitec Europe Oy u Pozzi Ginori, kellu impatt fuq id-difiża tagħhom u fuq id-deċiżjoni kontenzjuża. Minn dan jirriżulta, skont Keramag *et*, li din id-deċiżjoni għandha tiġi annullata totalment jew parzjalment, sa fejn hija tikkonkludi li Sanitec Europe u Pozzi Ginori kienu responsabbli għall-ksur fis-settur taċ-ċeramika fl-Italja u li l-multa kellha tiġi annullata jew imnaqqsa bħala konsegwenza ta' dan. Huma jżidu li d-deċiżjoni kontenzjuża kienet tkun differenti li kieku ma nkisrux id-drittijiet tad-difiża tagħhom, billi ppreċiżaw li dan il-ksur waħdu fi kwalunkwe każ jeżiġi l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża indipendentement anki minn din iċ-ċirkustanza.

140. Fil-kuntest tal-appell tal-Kummissjoni (punti 93 u 96 ta' dawn il-konklużjonijiet), rajna li skont il-ġurisprudenza [50], "l-obbligu tal-Qorti Ġenerali sabiex tagħti motivazzjoni għas-sentenzi tagħha *fil-prinċipju* ma jistax jiġi estiż sabiex jiġi impost fuqha obbligu li tiġġustifika s-soluzzjoni li waslet għaliha f'kawża waħda fid-dawl ta' dik li nstabet f'oħra li tressqet quddiemha, anki jekk kienet tikkonċerna l-istess deċiżjoni" (enfasi miżjuda minni). Jien ippreċiżajt li l-użu tat-terminu "fil-prinċipju" mill-Qorti tal-Ġustizzja jiġġustifika l-fatt li l-ġurisprudenza dwar is-suġġett tal-motivazzjoni kontradittorja, li tapplika b'mod ġenerali fir-rigward tal-motivazzjoni esposta fl-istess sentenza tista' — *f'ċirkustanzi eċċezzjonali* — tapplika fir-rigward tal-motivazzjoni esposta f'żewġ sentenzi jew iktar f'kawżi paralleli, li jikkonċernaw l-istess ksur u l-istess deċiżjoni.

141. Madankollu, għall-kuntrarju tal-appell tal-Kummissjoni, jien tal-fehma li tali ċirkustanzi eċċezzjonali ma jeżistux fl-appell inċidentali.

142. Indipendentement mill-fatt li l-argument ta' Keramag *et* dwar is-sentenza Wabco ma huwiex preċiż biżżejjed, sa fejn dan ma jispeċifikax is-silta mis-sentenza Wabco li fuqha għandu jkun ibbażat l-argument tagħhom, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li ma hemmx inkoerenza bejn il-konklużjonijiet tal-Qorti Ġenerali fiż-żewġ sentenzi. Fil-fatt, il-kuntest li fih il-Qorti Ġenerali eżaminat in-natura suffiċjenti tal-punt 277 tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u l-kwistjonijiet indirizzati kienu fundamentalment differenti fiż-żewġ kawżi. L-ewwel nett, kif irrilevat il-Kummissjoni, fis-sentenza Wabco kienet ikkonċernata l-possibbiltà li s-skiet jiġi interpretat bħala ekwivalenti għall-ammissjoni ta' aġir antikompetittiv u ma kinitx ikkonċernata n-natura suffiċjenti jew mhux tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet sabiex Keramag *et* ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom. It-tieni nett, kuntrarjament għal Wabco, Pozzi Ginori SpA ma baqgħetx siekta fir-rigward tal-allegazzjonijiet dwar il-laqgħat tal-grupp Michelangelo fl-Italja.

143. Fi kwalunkwe każ, nirrileva li Keramag *et* ma invokaw l-ebda prova oħra li huma setgħu jinvokaw kieku n-"natura tal-aġir antikompetittiv" li seħħ waqt il-laqgħat Michelangelo kienet ġiet ippreċiżata b'mod ieħor. F'dawn il-kundizzjonijiet, l-argumenti ta' Keramag *et* huma ipotetiċi u infondati.

144. Għaldaqstant, it-tieni aggravju tal-appell inċidentali għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli u, fi kwalunkwe każ, bħala infondat.

B – Kawżi Duravit et vs Il-Kummissjoni (it-tielet aggravju), Villeroy & Boch AG vs Il-Kummissjoni (l-ewwel u t-tieni aggravju), Villeroy & Boch SAS vs Il-Kummissjoni (l-ewwel u t-tieni aggravju)

145. Jien tal-fehma li f'dawn il-kawżi, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tislet pjuttost fil-qosor il-konklużjonijiet mill-kassazzjoni tas-sentenza Keramag kif ukoll mill-proposta li qed nagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi hija stess dwar ir-rikors ta' Keramag *et*.

50 — Sentenza Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni, C-444/11 P, EU:C:2013:464, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata.

146. Fil-fatt, l-argument ta' Duravit *et*, Villeroy & Boch AG u Villeroy & Boch Belgium, fil-prinċipju, huwa sempliċement in-naħa l-oħra tal-argument tal-Kummissjoni fl-appell tagħha kontra s-sentenza Keramag. Issa, kif spjegajt, huwa proprju fis-sentenza Keramag li l-produzzjoni tal-prova ma hijiex korretta. Fuq l-istess provi u kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, fis-sentenzi Duravit u Villeroy & Boch Austria la hemm żnaturament u lanqas nuqqas ta' motivazzjoni. L-aggravji dwar dawn l-elementi b'hekk huma inammissibbli u, wara l-konklużjonijiet tiegħi dwar l-appell Il-Kummissjoni vs Keramag Keramische Werke *et*, dak kollu li seta' jintrabat ma' inugwaljanza fit-trattament fis-sentenzi differenti jisfaxxa *ipso facto*, mingħajr ma jkun preżunt li dan l-argument seta' jkun ammissibbli.

147. Għaldaqstant, b'mod sussidjarju biss, ser nittratta dawn il-kawżi f'iktar dettall iktar 'l isfel, peress li dan huwa r-rwol tal-Avukat Ġenerali.

1. Kawża Duravit et vs Il-Kummissjoni (fuq it-tielet aggravju)

148. *Duravit et* isostnu li l-Qorti Ġenerali, f'diversi drabi, żnaturat, b'mod manifest u determinanti l-kontenut tal-proċess u konsegwentement wettqet żbalji ta' liġi u kisret prinċipji rrikonoxxuti tal-produzzjoni tal-prova.

149. Fost l-erbatax-il każ ta' żnaturament ta' prova invokati minn Duravit *et*, is-seba' u t-tnax-il wieħed (dwar il-punti 213 u 312 *et seq* tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali) isemmu evalwazzjoni differenti, mill-Qorti Ġenerali, tal-istess provi fil-kawża inkwistjoni u f'kawżi paralleli.

150. Skont il-*Kummissjoni*, jeħtieġ li tiġi miċħuda kull waħda minn dawn l-allegazzjonijiet ta' żnaturament, kemm peress li huma bbażati fuq fehim żbaljat tas-sentenza Duravit, jew minħabba l-fatt li, parzjalment, Duravit *et*, fir-realtà, riedu jiksbu evalwazzjoni mill-ġdid tal-fatti permezz ta' dan l-aggravju mingħajr ma kien intwera żnaturament manifest tagħhom imwettaq mill-Qorti Ġenerali.

151. Konformement mat-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-analiżi ta' dan l-aggravju f'dawn il-konklużjonijiet ser tkun limitata għall-kwistjoni jekk il-konklużjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar ċerti provi, evalwati b'mod differenti f'kawżi oħrajn, jistgħux jintlaqgħu f'din il-kawża (jiġifieri biss is-seba' u t-tnax-il każ ta' żnaturament allegat minn Duravit *et*).

152. Duravit *et* f'dan il-kuntest isostnu li hemm evalwazzjoni differenti, mill-Qorti Ġenerali, tal-istess provi fil-kawża preżenti u f'kawżi paralleli (is-sentenzi Keramag u Villeroy & Boch Austria), f'dak li jikkonċerna, b'mod partikolari, il-kontenut u t-teħid inkunsiderazzjoni ta' ċerti laqgħat li fihom kienu pparteċipaw Duravit *et*, għall-finijiet li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' prattiki antikompetittivi.

153. Jien tal-fehma li, fil-kawża preżenti, il-Qorti Ġenerali ma marritx lil hinn mil-limiti ta' evalwazzjoni raġonevoli tal-provi.

a) Is-seba' żnaturament allegat

154. Duravit *et* isostnu li l-Qorti Ġenerali, fil-punt 213 tas-sentenza Duravit, żnaturat il-provi u kienet wettqet ksur tal-prinċipji tal-produzzjoni tal-prova b'rabta mal-kontenut tan-noti tal-kollaboratur ta' Hansgrohe, O. Schinle, dwar il-laqgħa tad-DSI (il-Freundeskreis der deutschen Sanitärindustrie)/tal-IFS [l'Industrie Forum Sanitär (Forum tal-industrija tal-kmamar tal-banju)] tal-5 ta' Ottubru 2000, li ġew interpretati mod ieħor fis-sentenza Keramag.

155. Jien tal-fehma li dawn l-argumenti huma biss pretest sabiex tiġi kkontestata l-evalwazzjoni tal-prova magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-punt 213 tas-sentenza, li ma hijiex kontestabbli bħala tali fl-appell.

156. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, żnaturament għandu jirriżulta b'mod ċar mill-atti tal-proċess, mingħajr ma jkun meħtieġ li ssir evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi [51].

157. Fi kwalunkwe każ, kif irrilevat il-Kummissjoni, mill-punt 213 tas-sentenza Duravit jirriżulta li, b'riferiment għall-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 210 sa 212 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali qed tgħid l-istess ħaġa bħal fil-punt 133 tas-sentenza Keramag li qed jirreferu għaliha Duravit *et*.

158. Issa, f'dan il-punt 133, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet mingħajr ambigwità li hija kienet tqis li s-suġġett antikompetittiv kien jirriżulta min-noti dwar il-laqgħa tal-5 ta' Ottubru 2000: "Is-silta min-noti ta' Hansgrohe, iċċitata fil-punt 132 iktar 'il fuq, *turi mingħajr ambigwità s-suġġett antikompetittiv tal-imsemmija laqgħa*. Fil-fatt, iż-żidiet fil-prezzijiet għall-2001 ikkomunikati waqt din il-laqgħa bejn il-parteċipanti jikkostitwixxu informazzjoni sensittiva fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 54 sa 57 iktar 'il fuq" (enfasi miżjuda minni).

b) It-tnax-il żnaturament allegat

159. Duravit *et* isostnu li l-Qorti Ġenerali, fil-punti 312 *et seq* tas-sentenza Duravit, żnaturat id-deċiżjoni kontenzjuża b'rabta mal-valur probatorju tal-provi relatati mal-laqgħa tal-IFS tal-24 ta' April 2001 u mal-laqgħat tal-Fachverband Sanitärkeramische Industrie (iktar 'il quddiem il-"FSKI") tat-23 ta' Jannar u tal-5 ta' Lulju 2002.

160. Bħalma nnotajt fir-rigward tas-seba' żnaturament allegat, dawn l-argumenti jippruvaw jikkontestaw l-evalwazzjoni tal-prova magħmula mill-Qorti Ġenerali, li hija inkontestabbli bħala tali fl-appell.

161. Il-Qorti Ġenerali effettivament ikkonstatat, fis-sentenza Keramag, li ż-żewġ laqgħat tal-FSKI ma kinux imsemmija fil-motivi tad-deċiżjoni kontenzjuża bħala li wasslu għal aġir antikompetittiv bejn il-parteċipanti. Il-Qorti Ġenerali għamlet l-istess konstatazzjoni fir-rigward tal-laqgħa tal-IFS tat-23 ta' Jannar 2002 (punt 129 tal-imsemmija sentenza).

162. Minkejja dan, naħseb li s-sentenza Duravit ma tindikax il-kuntrarju. It-tliet laqgħat ma huma eżaminati fl-ebda mument fiha. Ir-riferiment, fil-punt 313 ta' din is-sentenza, għall-valur probatorju għoli li għandhom il-"kważi totalità" tal-provi b'rabta mal-laqgħat tal-IFS u tal-FSKI jista' jikkonċerna biss il-laqgħat eżaminati mill-Qorti Ġenerali. It-tliet laqgħat imsemmija qabel konsegwentement huma esklużi. L-istess konklużjoni għandha tapplika għal-laqgħa tal-IFS tal-14 ta' Novembru 2001.

c) Konklużjoni

163. Is-seba' u t-tnax-il każ ta' żnaturament allegati minn Duravit *et* għandhom jiġu miċħuda bħala inammissibbli, jew infondati.

51 — Sentenza Siemens *et* vs Il-Kummissjoni (C-239/11 P, C-489/11 P u C-498/11 P, EU:C:2013:866, punt 42), li tirreferi għas-sentenza Activision Blizzard Germany vs Il-Kummissjoni (C-260/09 P, EU:C:2011:62, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

2. Kawża Villeroy & Boch AG vs Il-Kummissjoni

a) Fuq l-ewwel aggravju (l-evalwazzjoni tal-ksur allegat fi Franza hija kontradittorja, kuntrarja għall-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, għall-prinċipju in dubio pro reo u għar-regoli tal-loġika)

i) Sunt fil-qosor tal-argumenti ta' Villeroy & Boch AG

164. *Villeroy & Boch AG* tikkontesta l-evalwazzjoni tal-provi b'rabta mas-serje kkumplikata ta' atti mwettqa fi Franza. L-analiżi tal-provi fil-fehma tagħha fiha kontradizzjonijiet kbar. Analiżi tal-provi li fiha daqshekk kontradizzjonijiet mill-perspettiva tagħha tikser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u l-Qorti Ġenerali kienet wettqet diversi żbalji ta' liġi għad-detriment tagħha. Minn naħa, il-Qorti Ġenerali wettqet evalwazzjoni ta' żewġ provi (dikjarazzjoni ta' Ideal Standard u ta' Roca France fil-kuntest tal-klemenza) li kienet dijametrikament opposta għall-analiżi magħmula fis-sentenza Keramag, għad-detriment tagħha u billi injorat il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u tal-benefiċċju tad-dubju. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali kienet analizzat prova li ma tistax tintuża (dikjarazzjoni ta' Duravit), ukoll għad-detriment tagħha, u dan billi ma segwietx il-ġurisprudenza proprja tagħha u billi injorat il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u tal-benefiċċju tad-dubju kif ukoll l-Artikolu 263 TFUE u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 296 TFUE, u b'hekk fl-istess ħin issostitwixxiet b'mod illegali l-motivazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża.

165. Barra minn hekk, skont Villeroy & Boch AG, it-testimonjanza ta' impriża li talbet għall-klemenza tista' skont il-prinċipju *testis unus*, *testis nullus*, li jirriżulta mill-ġurisprudenza, peress tkun sostnuta wkoll minn dik ta' parteċipanti oħrajn fl-akkordju. Dan ikun il-każ fil-kawża preżenti, peress li t-testimonjanza pprovduta fil-kuntest tat-talba għal klemenza ta' Ideal Standard kienet ġiet ikkonfermata mid-dikjarazzjoni ta' Roca France. L-evalwazzjoni tal-provi kontra tagħhom sabiex tiġi stabbilita l-parteċipazzjoni tagħhom fi Franza tkun totalment kontradittorja fl-evalwazzjoni magħmula fis-sentenza Keramag.

166. Ladarba l-ebda prova oħra ma ntużat legalment fir-rigward tal-ksur li allegatament jista' jiġi imputat lil Villeroy & Boch AG fi Franza, il-kundanna ta' din tal-aħħar tkun ibbażata fuq żball ta' liġi tal-istess tip bħal dawk imsemmija iktar 'il fuq, fir-rigward ta' atti mwettqa fi Franza. Għaldaqstant għandu jiġi annullat il-ksur uniku sostnut mill-Qorti Ġenerali, ladarba l-kundizzjonijiet ta' ksur kumpless u kontinwu ma jkunux issodisfatti fir-rigward ta' Franza. Mill-inqas, ikun siewi li jiġu annullati l-konstatazzjonijiet tal-Artikoli 1 u 2 tad-deċiżjoni kontenzjuża li jikkonċernaw lil Franza.

167. Skont il-Kummissjoni dan l-argument huwa infondat.

ii) Analiżi

168. Bħalma rrilevajt fl-analiżi tiegħi tal-appell Il-Kummissjoni vs Keramag *et* (punti 45 sa 131 ta' dawn il-konklużjonijiet), ċerti evalwazzjonijiet li jinsabu fis-sentenza Keramag jikkontradixxu għalkollox lil dawk li jikkorrispondu għalihom fi tliet sentenzi paralleli (is-sentenzi Roca Sanitario, Duravit kif ukoll Villeroy & Boch Austria), mogħtija fl-istess jum u mill-istess imħallfin kontra l-istess deċiżjoni tal-Kummissjoni. Dawn is-sentenzi kollha jirrigwardaw l-istess fatti u l-Kummissjoni fihom invokat l-istess provi.

169. Issa, kuntrarjament għal dak li ssostni Villeroy & Boch AG, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet ġustament, fis-sentenza tagħha Villeroy & Boch Austria, li d-diskussjonijiet antikompetittivi li saru waqt il-laqgħa tal-AFICS tal-25 ta' Frar 2004 kienu ġew ipprovati suffiċjentement fil-livell ġuridiku, billi fir-rigward ta' dan is-suġġett ibbażat fuq it-talbiet konkordanti mressqa minn Ideal Standard u Roca France għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-avviż dwar il-klemenza. Il-Qorti Ġenerali b'hekk segwiet

il-ġurisprudenza stabbilita, skont liema l-kontenut ta' talba għall-applikazzjoni tal-avviż dwar il-klemenza seta' jiġi kkonfermat minn talba oħra għall-applikazzjoni ta' dan l-avviż [52]. Hija waslet għall-istess riżultat fis-sentenza tagħha Duravit (punt 324). Fis-sentenza tagħha Roca (punti 198 u 239), finalment, kif indikajt fil-punt 49 (it-tielet inċiż) ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Qorti Ġenerali tat tnaqqis tal-multa ta' 6 % minħabba li l-informazzjoni pprovduta tirrappreżenta valur miżjud sinjifikattiv billi turi li diskussjonijiet antikompetittivi saru waqt il-laqgħa tal-AFICS tal-25 ta' Frar 2004. Is-sentenza Roca b'hekk tirrigwarda l-istess aspett tal-ksur bħal fil-kawża f'dan il-każ.

170. Kif rajna, ladarba fi tliet sentenzi (jiġifieri s-sentenzi Roca, Duravit u Villeroy & Boch Austria) il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-ksur kien twettaq fi ħdan l-AFICS, għall-kuntrarju hija waslet għal konklużjoni opposta fis-sentenza Keramag. Issa, bħalma diġà rrilevajt fil-punt 99 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-iżball fl-evalwazzjoni tal-provi jinsab fis-sentenza Keramag, li jien qed nipproponi li tiġi annullata.

171. Fi kwalunkwe każ, anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma ssegwix il-proposta tiegħi fil-kawża Il-Kummissjoni vs Keramag *et*, nirrileva li Villeroy & Boch AG ma ssostnix li s-sentenza Villeroy & Boch Austria tkun ivvizzjata b'motivazzjoni nieqsa jew li l-Qorti Ġenerali kienet żnaturat il-provi. Bħalma tirrileva l-Kummissjoni, li kieku l-Qorti Ġenerali ma kinitx tat is-sentenza Keramag, Villeroy & Boch AG ma kinux jikkontestaw din il-parti tas-sentenza.

172. Fis-sentenza Koninklijke Wegenbouw Stevin vs Il-Kummissjoni [53], ir-rikorrenti invokat ukoll ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u tar-rekwiżiti fundamentali tal-koerenza tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji, u l-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-aggravju bħala inammissibbli, minħabba li r-rikorrenti ma allegat l-ebda żnaturament tal-provi kontenzjużi. L-istess għandu japplika għall-argument ta' insuffiċjenza ta' motivazzjoni rigward is-sentenza Villeroy & Boch Austria (punt 18 tal-appell).

173. Fir-rigward tal-ksur allegat tal-prinċipji "*testis unus, testis nullus*", "*in dubio pro reo*", tal-preżunzjoni tal-innoċenza u b'mod iktar partikolari fir-rigward tal-insuffiċjenza ta' provi eżaminati sabiex jiġi stabbilit il-ksur li Villeroy & Boch AG kienet wettqet fi Franza, infakkar (ara l-punt 169 ta' dawn il-konklużjonijiet) li, skont il-ġurisprudenza [54], talba għall-applikazzjoni tal-avviż dwar il-klemenza tista' tiġi kkonfermata minn talba oħra. Fis-sentenza Keramag, il-Qorti Ġenerali sempliċement naqset milli tevalwa s-saħħa probatorja tad-dikjarazzjonijiet ta' Roca France li kienu mehmuża mat-talba (ara, f'dan il-kuntest, il-punti 77 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet).

174. Madankollu, fil-każ preżenti, jiġifieri fis-sentenza Villeroy & Boch Austria (iżda wkoll, kif indikat iktar 'il fuq, fis-sentenza Duravit), il-Qorti Ġenerali affermat espliċitament li d-dikjarazzjonijiet magħmula minn Roca France fil-kuntest tat-talba għal klemenza tagħha kienu parti mis-serje ta' provi li kienu jippermettu li tikkonstata l-ksur b'rabta mal-oġġetti sanitarji taċ-ċeramika fi Franza. Hija indikat f'dawn iż-żewġ sentenzi li Ideal Standard u Roca France kienu jikkonfermaw b'mod reċiproku d-dikjarazzjonijiet tagħhom, mill-inqas f'dak li jikkonċerna l-prodotti "ta' livell baxx", peress li t-talbiet tal-Kummissjoni kienu relatati ma' din il-kategorija ta' prodotti.

52 — Il-konferma ma għandhiex neċessarjament tirriżulta minn dokumenti ddatati tal-perijodu li matulu twettqu l-fatti. Diversi dikjarazzjonijiet jistgħu jkunu kredibbli jekk jikkorroboraw ruħhom reċiprokament. Ara, dwar dan is-suġġett, is-sentenza Siemens *et* vs Il-Kummissjoni (C-239/11 P, C-489/11 P u C-498/11 P, EU:C:2013:866, punti 190 u 191). Ara wkoll is-sentenzi Lögstör Rör vs Il-Kummissjoni (T-16/99, EU:T:2002:72, punti 45 sa 47); Bolloré *et* vs Il-Kummissjoni (T-109/02, T-118/02, T-122/02, T-125/02, T-126/02, T-128/02, T-129/02, T-132/02 u T-136/02, EU:T:2007:115, punt 168), kif ukoll Polimeri Europa vs Il-Kummissjoni (T-59/07, EU:T:2011:361, punt 55). Konferma minn dikjarazzjoni oħra magħmula fil-kuntest ta' talba għall-applikazzjoni tal-avviż dwar il-klemenza tista' tkun biżżejjed jekk din id-dikjarazzjoni hija magħmula indipendentement u bi qbil fir-rigward tal-linji ġenerali tad-deskrizzjoni tal-ksur. Ara, dwar dan is-suġġett, is-sentenza Total Raffinage Marketing vs Il-Kummissjoni (T-566/08, EU:T:2013:423, punt 74).

53 — C-586/12 P, EU:C:2013:863, punti 22 sa 29.

54 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 52 ta' dawn il-konklużjonijiet.

175. Il-Qorti Ġenerali ma qisitx li kien neċessarju li teżamina provi oħra[55], peress li qieset li d-dikjarazzjonijiet ta' Ideal Standard u ta' Roca France kienu suffiċjenti. Fil-fatt, huwa biss li kieku l-Qorti tal-Ġustizzja kienet tal-fehma li ż-żewġ dikjarazzjonijiet ta' Ideal Standard u ta' Roca France ma kinux suffiċjenti sabiex tikkonstata l-ksur fi Franza li l-Qorti Ġenerali (jew il-Qorti tal-Ġustizzja jekk ħasbet li l-kawża kienet fi stat li tiġi deċiża) ikollha teżamina l-valur probatorju ta' dawn l-elementi supplimentari.

176. Konsegwentement, l-ewwel aggravju ta' Villeroy & Boch AG għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli, jew infondat.

b) Fuq it-tieni aggravju, it-tieni parti (ksur tar-regoli tal-loġika u tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament f'dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni materjali u l-imputazzjoni għall-Italja)

177. *Villeroy & Boch AG* tikkritika l-fatt li l-Qorti Ġenerali imputat fil-konfront tagħha, bħala produttur ta' oġġetti sanitarji taċ-ċeramika, ksur imwettaq l-Italja minn operaturi li ma humiex kompetituri tal-appellanti (produtturi ta' viti u fittings), filwaqt li hija ma kinitx topera f'dan il-pajjiż u ma kinitx preżenti fil-laqgħat allegatament kuntrarji għad-dritt tal-akkordji. Bl-istess mod, il-Qorti Ġenerali qieset, f'kawżi paralleli, li l-impriżi preżenti f'dan is-suq kellhom jiġu eliminati. F'dan ir-rigward, minbarra inugwaljanza fit-trattament manifestament diskriminatorja għad-detriment tal-appellanti, kien jeżisti ksur tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tar-regoli tal-loġika.

178. Il-*Kummissjoni* tikkontesta l-ammissibbiltà tal-aggravju bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament f'dak li jikkonċerna l-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali fi tliet proċeduri paralleli li jikkonċernaw produtturi oħrajn ta' oġġetti sanitarji taċ-ċeramika. Anki jekk saru konstatazzjonijiet li jistgħu japplikaw ukoll għal Villeroy & Boch AG f'sentenzi oħrajn, xorta jibqa' l-fatt li din tal-aħħar ma kienet ippreżentat l-ebda motiv korrispondenti fl-ewwel istanza.

179. Fi kwalunkwe każ, huwa suffiċjenti li jiġi kkonstatat li, skont il-ġurisprudenza, Villeroy & Boch AG "għandha dritt li tippreżenta appell billi ssostni, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, aggravji li rriżultaw mis-sentenza appellata stess"[56] (jiġifieri d-differenza fit-trattament fir-rigward tal-partijiet l-oħra).

180. Fuq il-mertu, u anki mingħajr ma kellha tiddeċiedi dwar ir-rilevanza tal-argument marbut ma' inugwaljanza fit-trattament eventwali meta mqabbla ma' impriżi oħra kkonċernati fis-sentenzi paralleli tal-Qorti Ġenerali, jeħtieġ li jiġi nnotat li l-annullament parzjali deċiż mill-Qorti Ġenerali dwar il-ksur ikkonstatat l-Italja jirriżulta biss minn parteċipazzjoni iktar limitata fiż-żmien ta' ċerti impriżi u li dan ma jħalli l-ebda effett fuq il-kwistjoni jekk Villeroy & Boch AG setgħetx tkun taf bil-ksur f'dan il-pajjiż jew setgħetx tbassru b'mod raġonevoli. Għall-finijiet tal-imputazzjoni ta' ksur globali, jeħtieġ li jiġi stabbilit li l-impriża ma setgħetx tinjora l-portata ġenerali u l-karatteristiċi essenzjali tal-akkordju globali, filwaqt li jekk ġew injorati dettalji, dan bl-ebda mod ma huwa determinanti[57].

181. Iktar speċifikament, ninnota l-elementi segwenti.

182. L-ewwel nett, kif irrilevat il-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali kkonstatat fis-sentenza Duravit (punti 37 sa 41 tal-appell), li l-provi ma kinux suffiċjenti sabiex iwasslu għall-konklużjoni li Duravit *et* kienet taf bil-ksur imwettaq l-Italja, u dan kien ġie kkonstatat minn Duravit *et* b'mod ċar u preċiż.

55 — Ara l-konklużjonijiet fil-punt 295 tas-sentenza Villeroy & Boch Austria, li fir-realtà huma dwar it-tabella li tirriżulta mil-laqgħa tal-25 ta' Frar 2004, l-ispjegazzjonijiet ta' Ideal Standard dwar iċ-ċirkustanzi li fihom ġie redatt dan id-dokument, l-awtur tiegħu, id-data tiegħu, ir-rapporti ta' kull xahar li kienu jinkludu ċifri kunfidenzjali dwar il-bejgħ jew id-dikjarazzjonijiet ta' Laligné.

56 — Sentenzi Stadtwerke Schwäbisch Hall *et* vs Il-Kummissjoni (C-176/06 P, EU:C:2007:730, punt 17) u Il-Kummissjoni *et* vs Siemens Österreich *et* (C-231/11 P sa C-233/11 P, EU:C:2014:256, punt 102).

57 — Sentenza Raiffeisen Zentralbank Österreich *et* vs Il-Kummissjoni (T-259/02 sa T-264/02 u T-271/02, EU:T:2006:396, punt 193). Ara, ukoll, is-sentenza Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni (C-444/11 P, EU:C:2013:464, punt 54).

183. Barra minn hekk, Villeroy & Boch AG u Duravit *et* ma kinux fl-istess sitwazzjoni, minn naħa, peress li Duravit kienet ipparteċipat fil-ksur fi tliet Stati Membri filwaqt li Villeroy & Boch AG kienet involuta f'ħames Stati Membri, u min-naħa l-oħra, peress li din tal-aħħar kienet involuta fil-ksur matul perijodu kunsiderevolment itwal, u dawn iż-żewġ elementi normalment iwasslu sabiex il-portata reali ta' aġir li jikkostitwixxi ksur tinftiehem aħjar.

184. It-tieni nett, f'dak li jirrigwarda s-sentenza Wabco (punti 42 u 43 tal-appell), l-annullament parzjali huwa bbażat fuq problema partikolari. Parti kbira mill-multa kienet relatata ma' ksur li jikkonċerna l-oġġetti sanitarji taċ-ċeramika mibjugħa l-Italja, b'tali mod li parti minn din il-multa ġiet ikkalkolata abbażi tal-valur tal-bejgħ ta' dawn l-oġġetti l-Italja, filwaqt li, fil-każ ta' Villeroy & Boch AG, il-multa, għall-kuntrarju, kienet ikkalkolata mingħajr ma ttieħed inkunsiderazzjoni l-valur tal-bejgħ li sar l-Italja.

185. It-tielet nett, fil-kawża Wabco, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-parteċipazzjoni ta' din l-impriża fil-ksur li jikkonċerna l-oġġetti sanitarji taċ-ċeramika ma kinitx stabbilita għas-suq Taljan ħlief għal perijodu determinat, u b'hekk naqqset il-multa b'konsegwenza ta' dan. Madankollu, hija affermat b'mod ċar li Ideal Standard kienet ipparteċipat ukoll f'dan l-akkordju permezz tal-iskambju ta' informazzjoni mal-produtturi ta' viti u fittings [58]. Il-parti tal-multa li kienet ibbażata fuq il-valur tal-bejgħ tal-viti u l-fittings fis-suq ma ġietx ikkontestata minn Ideal Standard u l-Qorti Ġenerali lanqas ma annullatha. Peress li l-Qorti Ġenerali ma ddeċidietx li Ideal Standard ma kinitx taf b'parti tal-ksur, ma nistax nifhem (bħall-Kummissjoni) kif is-sitwazzjoni ta' Villeroy & Boch AG fl-Italja tista' titqabbel ma' dik ta' Ideal Standard.

186. Ir-raba' nett, fir-rigward tas-sentenza Keramag (punti 44 sa 47 tal-appell), l-annullament deċiż mill-Qorti Ġenerali jirrigwarda parti ristretta tal-ksur u jirriżulta minn nuqqas ta' provi dwar il-parteċipazzjoni ta' Pozzi Ginori matul perijodu ta' ftit xhur. Dan ma kienx jinvolvi tnaqqis tal-multa, li wkoll ġiet ikkalkolata fuq il-bażi tal-valur tal-bejgħ ta' oġġetti sanitarji taċ-ċeramika fl-Italja [59].

187. Peress li l-Qorti Ġenerali ma ddeċidietx li Keramag *et* kienu konxji tal-aġir li jikkostitwixxi ksur l-Italja, ma nistax nifhem kif is-sitwazzjoni ta' Villeroy & Boch AG fl-Italja tista' titqabbel ma' dik ta' Keramag *et*.

188. Għaldaqstant, it-tieni parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda.

3. Kawża Villeroy & Boch SAS vs Il-Kummissjoni

a) Fuq l-ewwel aggravju (kontradizzjoni fl-evalwazzjoni tal-mezzi ta' provi fir-rigward ta' Franza, li tikser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, il-prinċipju in dubio pro reo u li tippreġudika l-koerenza loġika u ġuridika tas-sentenza)

189. Billi ġie rrilevat li l-evalwazzjoni li wettqet il-Qorti Ġenerali dwar id-dikjarazzjonijiet ta' Ideal Standard, ta' Roca France u ta' Duravit, dwar il-fatti kollha kkonstatati fi Franza, ma kinitx tikkorrispondi ma' dik li għamlet dwar l-istess provi fis-sentenzi Keramag u Wabco, skont Villeroy & Boch Belgium il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u *in dubio pro reo*.

58 — Punti 91 u 99 tas-sentenza.

59 — B'differenza mill-multa li ġiet imposta fuq Villeroy & Boch AG.

190. Fil-fatt, fir-rigward ta' Villeroy & Boch France, il-Qorti Ġenerali bbażat is-sentenza tagħha Villeroy & Boch Austria fuq id-dikjarazzjonijiet ta' Ideal Standard u ta' Roca France, filwaqt li, fis-sentenza Keramag, hija qieset li d-dikjarazzjoni ta' Ideal Standard waħedha ma kinitx tkun tista' tikkostitwixxi prova suffiċjenti u li l-Kummissjoni ma setgħetx tibbaża ruħha fuq id-dikjarazzjonijiet ta' Roca France, fl-assenza ta' provi li jikkorroboraw il-fatt li saret koordinazzjoni tal-prezzijiet minimi.

191. Fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' Duravit *et*, Villeroy & Boch SAS issostni li, fis-sentenza Keramag, il-Qorti Ġenerali kkonstatat il-fatt li din id-dikjarazzjoni ma ġietx ikkomunikata lilha matul il-proċedura amministrattiva u li, konsegwentement, ma setgħetx tintuża kontriha. Il-fatt li l-Qorti Ġenerali kienet ibbażat fuq id-dikjarazzjoni ta' Duravit *et* sabiex tikkonferma d-dikjarazzjoni ta' Ideal Standard, kien ivvizzja l-motivazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża.

192. Villeroy & Boch SAS qieset li b'dan, il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 263 TFUE u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 296 TFUE kif ukoll il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza, stabbilit fl-Artikolu 48(1) tal-Karta u fl-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950.

193. Fuq il-kontradizzjoni mas-sentenza Keramag, nirreferi għall-punti 45 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet dwar din is-sentenza kif ukoll għall-punti 148 *et seq* (Duravit *et*) u l-punti 168 *et seq* (Villeroy & Boch AG), fejn jiena mmotivajt il-proposta tiegħi li jiġu miċħuda l-aggravji li Duravit *et* u Villeroy & Boch AG kienu bbażaw fuq din il-kontradizzjoni.

194. Barra minn hekk, naqbel ma' Villeroy & Boch SAS li r-risposta ta' Duravit *et* għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma setgħetx tintuża bħala prova. Dan l-argument ta' Villeroy & Boch SAS madankollu huwa ineffettiv minħabba li s-sentenza Villeroy & Boch Austria manifestament ma kinitx ibbażata fuq din ir-risposta (ara l-punt 295 ta' din l-aħħar sentenza). Il-Kummissjoni stess ma tikkontestax il-fatt li din ġiet evokata biss għal finijiet ta' kompletezza u li din ir-risposta ma setgħetx tittieħed inkunsiderazzjoni, peress li ma ssemmietx la fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u lanqas fl-ittra ta' espożizzjoni tal-fatti.

195. Għaldaqstant, l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud.

b) Fuq it-tieni aggravju (l-allegat żball ta' liġi fil-klassifikazzjoni ta' ksur uniku, kumpless u kontinwu — il-kontradizzjonijiet bejn is-sentenzi differenti)

196. Villeroy & Boch SAS essenzjalment isostnu li l-Qorti Ġenerali ma għamlitx l-istess konstatazzjonijiet fir-rigward tagħha bħalma għamlet fis-sentenzi Kermag, Duravit u Wabco. Li kieku l-Qorti Ġenerali segwiet dawn il-konstatazzjonijiet, ma kinitx tkun tista' tistabbilixxi l-eżistenza ta' ksur uniku, kontinwu u kumpless. Fil-fatt, b'dan l-ilment, Villeroy & Boch SAS tqis, sussidjarjament, li huma nieqsa l-provi biex tiġi stabbilita l-ħtija tagħha: a) fi Franza, minħabba konstatazzjonijiet fis-sentenza Keramag, b) fl-Italja, minħabba l-annullament parzjali jew komplut tal-konstatazzjonijiet ta' parteċipazzjoni fir-reati fis-sentenzi Duravit, Wabco u Keramag, c) fil-Ġermanja, u d) fil-Pajjiżi l-Baxxi, minħabba l-annullament parzjali tad-deċiżjoni kontenzjuża għal dak li jirrigwarda l-aġir tal-kumpannija parent.

197. Lil hinn mill-argumenti li bihom iġġustifikajt il-proposta tiegħi li jiġi miċħud l-ewwel aggravju ta' Villeroy & Boch SAS li jinvoka l-kontradizzjonijiet bejn sentenzi paralleli differenti tal-Qorti Ġenerali (ara l-punti 189 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet), jeħtieġ li jiġu rrifjutati l-allegazzjonijiet li skonthom "parti sinjifikattiva mill-konstatazzjonijiet" (appell, il-punt 52) ġiet annullata mill-Qorti Ġenerali.

198. Fir-rigward ta' Franza, l-annullament jirriżulta mill-fatt li impriża kienet inqas involuta fil-ksur jew li dan tal-aħħar kellu portata ġeografika iktar limitata.

199. Fir-rigward tal-Ġermanja u l-Italja, il-Qorti Ġenerali llimitat ruħha sabiex tnaqqas it-tul tal-parteċipazzjoni ta' żewġ impriżi oħra, skont ċirkustanzi li jirrigwardaw il-parteċipazzjoni tagħhom.

200. Fir-rigward tal-Pajjiżi l-Baxxi, l-annullament naqqas marġinalment il-parteċipazzjoni tal-kumpannija parent.

201. Barra minn hekk, bħalma enfasizzat il-Kummissjoni, is-sempliċi fatt li ċerti impriżi setgħu ma kinux jafu bil-ksur kollu ma huwiex inkompatibbli mal-eżistenza ta' ksur uniku. Il-ġurisprudenza ddistingwiet b'mod preċiż il-konstatazzjoni ta' ksur uniku mir-responsabbiltà ta' kull impriża. Il-fatt li ċerti impriżi setgħu ma kinux jafu dwar il-portata globali tal-ksur huwa spjegat mill-fatt li dawn l-impriżi kienu jikkonċentraw l-attivitajiet tagħhom f'ċerti swieq biss, filwaqt li kellhom attività marġinali fl-oħrajn.

202. Għalhekk, it-tieni aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

C – Kawża Roca Sanitario vs Il-Kummissjoni (l-ewwel parti tat-tieni aggravju biss)

1. Sunt fil-qosor tal-argumenti tal-partijiet

203. Permezz ta' din il-parti, *Roca Sanitario* ssostni li, għalkemm il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet li l-ksur li għalih hija kienet meqjusa responsabbli, mil-lat ġeografiku, kien inqas gravi meta mqabbel mal-gravità tal-ksur li ġie imputat lill-impriżi tal-"qalba" (jew il-"grupp ċentrali") tal-akkordju [60], hija ma ġibditx il-konsegwenzi ladarba l-Qorti Ġenerali, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, la naqqset l-ammont tal-multi imposti fuqha billi aġġustat il-koeffiċjenti "gravità tal-ksur" u "ammont addizzjonali", u lanqas billi rrikonoxxiet l-eżistenza ta' ċirkustanzi attenwanti. B'hekk, il-Qorti Ġenerali kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha u l-prinċipji ta' individwalizzazzjoni tas-sanzjoni u ta' responsabbiltà personali, ta' proporzjonalità (kif stabbilit mill-Artikolu 49(3) tal-Karta), ta' ugwaljanza fit-trattament, u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

204. Il-*Kummissjoni*, l-ewwel nett, issostni li l-portata ġeografika limitata tal-ksur imwettaq minn Roca Sanitario u mis-sussidjarji tagħha diġà hija riflessa fl-ammont bażiku tal-multi, billi dan ġie kkalkolat fuq il-bażi tal-bejgħ magħmul fi Franza u fl-Awstrija biss.

205. Sussegwentement, għalkemm il-portata ġeografika tissemma fil-linji gwida tal-2006 bħala fattur li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni meta jiġu ddeterminati l-koeffiċjenti applikabbli, din ikollha biss rwol marġinali, peress li l-valur tal-bejgħ diġà jagħti indikazzjoni suffiċjenti f'dan ir-rigward u li n-natura tal-ksur tikkostitwixxi l-fattur ta' evalwazzjoni ewlieni. B'hekk, il-Kummissjoni żviluppat prattika li tikkonsisti fl-applikazzjoni ta' żieda żgħira, ġeneralment ta' 1 %, meta l-portata ġeografika tikkorrispondi għall-Unjoni Ewropea jew iż-Żona Ekonomika Ewropea kollha kemm hi. Madankollu, ikun iġġustifikat li din il-prattika ma tiġix applikata meta l-ksur ikollu portata ġeografika iżgħar, ħlief li dan il-perċentwali ta' deċimali jkollu jiġi aġġustat skont in-numru ta' Stati Membri koperti mill-ksur. Billi żammet koeffiċjenti ta' 15 %, il-Kummissjoni b'hekk ma tbegħditx mill-metodoloġija esposta fil-linji gwida tagħha tal-2006.

60 — Dawn l-impriżi jikkorrispondu għat-tmien gruppi ta' kumpanniji msemmija mill-Kummissjoni, fil-premessa 797 tad-deċiżjoni kontenzjuża, bħala li jagħmlu parti mill-qalba tal-akkordju minħabba l-parteċipazzjoni tagħhom f'dan l-akkordju fl-Istati Membri kollha kkonċernati jew fil-biċċa l-kbira tagħhom, u l-appartenenza tagħhom f'mill-inqas wieħed mill-korpi ta' koordinazzjoni.

206. Il-Kummissjoni tosserva wkoll li xejn ma jobbliga lill-Qorti Ġenerali tnaqqas multa li hija tqis proporzjonali biss minħabba li tqis li l-multa imposta fuq parteċipanti oħra fl-akkordju kellha tkun ogħla. Għall-kuntrarju, il-Qorti Ġenerali kienet ċaħdet tali rrifjutat b'mod ripetut, skont il-prinċipju li skontu "ħadd ma jista' jinvoka, għall-benefiċċju tiegħu, illegalità mwettqa favur ħaddieħor". Kemm mill-ġurisprudenza kif ukoll mill-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni jirriżulta li kull differenza f'termini ta' parteċipazzjoni fil-ksur mhux neċessarjament għandha tissarraf fi tnaqqis tal-multa, sakemm din tal-aħħar tkun tirrifletti b'mod korrett il-parteċipazzjoni individwali tal-impriża kkonċernata.

207. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tirrikjedix motivazzjoni ddettaljata meta l-koeffiċjenti (ta' żieda tal-ammont bażiku tal-multa) ikunu viċin il-15 %[61]. Fi kwalunkwe każ, is-sentenza Roca Sanitario tispjega biċ-ċar kif dawn kienu xierqa.

208. Fir-rigward tal-ilment dwar l-inkoerenza ta' din is-sentenza meta mqabbla mas-sentenzi mogħtija dwar rikorsi paralleli, il-Kummissjoni qieset li huwa inammissibbli minħabba li l-eżami tiegħu jkun jimplika analiżi komparattiva taċ-ċirkustanzi fattwali rilevanti. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti Ġenerali kienet applikat l-istess rati ta' 15 % għall-impriżi l-oħrajn li ma nżammewx responsabbli mill-akkordju fl-intier tiegħu, bħal Duravit u Dornbracht.

2. Analiżi

a) Tfakkira tal-ġurisprudenza

209. Qabel kollox, nirreferi għall-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni (C-295/12 P, EU:C:2013:619), li fihom analizzajt fid-dettall il-problema tal-ġurisdizzjoni sħiħa tal-Qorti Ġenerali[62].

210. Għall-finijiet ta' dan l-appell, jeħtieġ li jitfakkar, f'dak li jirrigwarda l-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan is-suġġett, li għalkemm il-Qorti Ġenerali hija l-unika qorti kompetenti biex tistħarreġ il-mod kif il-Kummissjoni għandha tevalwa, f'kull każ partikolari, il-gravità tal-aġir illeċitu, hija l-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' appell, li għandha teżamina sa fejn il-Qorti Ġenerali ħadet inkunsiderazzjoni, b'mod ġuridikament korrett, il-fatturi essenzjali kollha sabiex tevalwa l-gravità tal-aġir iddeterminat fid-dawl tal-Artikoli 101 TFUE u 23 tar-Regolament Nru 1/2003[63].

211. Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali, meta tiddeċiedi dwar l-ammont tal-multi fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, hija marbuta bl-istess obbligi legali bħall-Kummissjoni meta hija timponi sanzjoni, u b'hekk, b'mod partikolari, mill-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn l-impriżi li pparteċipaw fi ftehim kuntrarju għall-Artikolu 101 TFUE[64].

212. Infakkar li l-prinċipju li skontu l-Qorti tal-Ġustizzja ma kellhiex tissostitwixxi, għal raġunijiet ta' ekwità, l-evalwazzjoni tagħha ma' dik tal-Qorti Ġenerali li tiddeċiedi fl-eżerċizzju ta' din il-ġurisdizzjoni[65], ma jostakolax il-verifika mill-Qorti tal-Ġustizzja tar-rispett ta' dan l-obbligu.

61 — Sentenza Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni (C-444/11 P, EU:C:2013:464, punti 118 sa 126).

62 — Ara, fost l-oħrajn, ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukati Ġenerali Fennelly (Compagnie maritime belge transports *et* vs Il-Kummissjoni, C-395/96 P u C-396/96 P, EU:C:1998:518, punt 184); Mischo (Weig vs Il-Kummissjoni, C-280/98 P, EU:C:2000:260, punti 43 sa 45); Kokott (Technische Unie vs Il-Kummissjoni, C-113/04 P, EU:C:2005:752, punt 132); Poiares Maduro (Groupe Danone vs Il-Kummissjoni, C-3/06 P, EU:C:2006:720, punti 41 sa 59); Bot (E.ON Energie vs Il-Kummissjoni, C-89/11 P, EU:C:2012:375, punt 115), kif ukoll Mengozzi (Il-Kummissjoni *et* vs Siemens Österreich *et*, C-231/11 P sa C-233/11 P, EU:C:2013:578, punt 94).

63 — Sentenzi Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni (C-185/95 P, EU:C:1998:608, punt 128) u Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni (C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 244).

64 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Sarrió vs Il-Kummissjoni (C-291/98 P, EU:C:2000:631, punti 96 u 97); Il-Kummissjoni *et* vs Siemens Österreich *et*, (C-231/11 P sa C-233/11 P, EU:C:2014:256, punt 105) u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-kawża Groupe Danone vs Il-Kummissjoni (C-3/06 P, EU:C:2006:720, punt 53).

65 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Finsider vs Il-Kummissjoni (C-320/92 P, EU:C:1994:414, punt 46).

213. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà naqqset il-multa f'sitwazzjonijiet fejn il-Qorti Ġenerali, mingħajr ebda ġustifikazzjoni oġġettiva, kienet trattat lil impriża b'mod iktar sever minn impriżi oħra involuti fl-istess akkordju [66], peress li l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa ma jistax jinvolvi diskriminazzjoni bejn l-impriżi li pparteċipaw fl-istess ksur [67].

b) Il-Qorti Ġenerali kkonstatat inugwaljanza fit-trattament iżda ma dderivat l-ebda konsegwenza minnha

214. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali, billi kkonstatat (punt 187) li l-ksur imwettaq mill-impriżi tal-qalba "kellu", b'mod partikolari minħabba l-portata ġeografika iktar estiża tiegħu, jiġi ssanzjonat b'multa kkalkolata abbażi ta' koeffiċjenti "gravità tal-ksur" u "ammont addizzjonali" iktar għoljin, *ammettiet li sitwazzjonijiet differenti* (jiġifieri dik ta' impriżi tal-qalba u dik ta' oħrajn) *kienu ġew trattati b'manjiera simili b'mod żbaljat*.

215. Issa, il-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda aġġustament, la billi żiedet u lanqas billi naqqset l-ammont bażiku tal-multa, billi żammet l-istess koeffiċjent ta' gravità u l-istess fattur dissważiv ta' 15 % għall-impriżi kollha [68].

216. Sabiex tiġġustifika din il-konklużjoni, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 169 tas-sentenza Roca Sanitario, fil-kuntest tal-eżami tal-motivi ppreżentati sabiex isostnu t-talbiet għall-annullament, li "[m]adankollu, anki jekk jiġu preżunt li hemm lok li jiġi meqjus li l-Kummissjoni kellha, waqt id-determinazzjoni tal-imsemmija koeffiċjenti, tittratta lill-impriżi li pparteċipaw fil-ksur uniku li jkopri s-sitt territorji tal-Unjoni, u t-tliet sottogruppi ta' prodotti b'mod differenti minn dawk li pparteċipaw fil-ksur uniku f'territorju wieħed biss, xorta jibqa' l-fatt li tali trattament differenti ma setax ikun ta' benefiċċju għar-rikorrenti. Fil-fatt, kif ġie nnotat fil-punt 155 [ta' din is-sentenza], fir-rigward tal-koeffiċjent tal-'ammont addizzjonali', il-Kummissjoni, ġustament, ħadet inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont tal-multa, b'konformità mal-paragrafu 25 tal-linji gwida tal-2006, koeffiċjent 'ammont addizzjonali' ta' 15 %, li ma huwiex sproporzjonat b'rabta mal-gravità tal-aġir antikompetittiv li hija responsabbli għalih ir-rikorrenti. Għall-istess raġunijiet imsemmija fil-punt 155 [tal-imsemmija sentenza], il-Kummissjoni ġustament u mingħajr ksur tal-prinċipju tal-proporzjonalità, ħadet inkunsiderazzjoni, b'konformità mal-paragrafi 21 sa 23 tal-imsemmija linji gwida, koeffiċjent 'gravità tal-ksur' ta' 15 %. Għaldaqstant, l-assenza ta' trattament differenzjat bejn l-impriżi destinatarji kollha tad-deċiżjoni [kontenzjuża] ma saritx għad-detriment tar-rikorrenti".

66 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Weig vs Il-Kummissjoni (C-280/98 P, EU:C:2000:627, punti 67 u 68). Skont is-sentenza Salzgitter Mannesmann vs Il-Kummissjoni (C-411/04 P, EU:C:2007:54, punt 68), "minkejja li, fil-kuntest ta' appell, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tissostitwixxi, għal raġunijiet ta' ekwità, l-evalwazzjoni tagħha għal dik tal-Qorti tal-Prim'Istanza li tiddeċiedi, fl-eżerċizzju tal-kompetenza sħiħa tagħha, fuq l-ammont tal-multi imposti fuq l-impriżi minħabba l-ksur, minn dawn, tad-dritt Komunitarju, min-naħa l-oħra, l-eżerċizzju ta' tali kompetenza ma jistax iwassal, waqt l-istabbiliment ta' l-ammont ta' l-imsemmija multi, għal diskriminazzjoni bejn l-impriżi li pparteċipaw fi ftehim jew għal prattika miftiehma li tmur kontra l-Artikolu 81(1) KE (sentenzi […] Sarrió vs Il-Kummissjoni, C-291/98 P, [EU:C:2000:631], punti 96 u 97, u […] Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni, C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, [EU:C:2002:582], punt 617)". Ara wkoll is-sentenzi Dalmine vs Il-Kummissjoni (C-407/04 P, EU:C:2007:53, punti 152 *et seq*) u Evonik Degussa vs Il-Kummissjoni (C-266/06 P, EU:C:2008:295, punti 95 u 114).

67 — Sentenza Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni (C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 337: "jekk il-Qorti tal-Prim'Istanza kellha l-hsieb li twarrab speċifikament fir-rigward ta' waħda minn dawn l-impriżi l-metodu ta' kalkolu applikat mill-Kummissjoni u li […] ma kienx qed jiġi kkontestat, huwa neċessarju li hija tagħti raġunijiet għal dan fis-sentenza appellata"). Fis-sentenza Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni (C-580/12 P, EU:C:2014:2363, punt 78), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "[f']dan ir-rigward, biżżejjed li jiġi nnotat li peress li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat l-illegalità tad-deċiżjoni kkontestata, hija tista', fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha stess għal dik tal-Kummissjoni u, konsegwentement, tnaqqas jew iżżid il-multa […]. Din il-ġurisdizzjoni hija eżerċitata b'teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi fattwali kollha […]. Konsegwentement, l-argument tal-Kummissjoni msemmi iktar 'il fuq għandu jiġi miċħud". Konsegwentement, fil-punt 80, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kien hemm lok li l-ammont tal-multa imposta fuq Guardian fl-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kontenzjuża jitnaqqas bi 30 % u li dan l-ammont jiġi ffissat għal EUR 103 600 00 (is-somma oriġinali kienet ta' EUR 148 000 000).

68 — Il-Qorti Ġenerali ssejjaħ dan "ammont addizzjonali".

217. Għaldaqstant, wara li fil-punt 168 tas-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali kkonstatat in-natura inqas gravi dwar il-ksur imputat lil Roca Sanitario, hija tevadi l-kwistjoni jekk kinitx teżisti diskriminazzjoni billi saħqet sempliċement li, fi kwalunkwe każ, din ma kinitx għad-detriment ta' Roca Sanitario, u ddeċidiet li din l-impriża bl-ebda mod ma setgħet tibbenefika minn trattament differenti peress li l-ammont tal-multa imposta fuqha ma kienx sproporzjonat.

218. Fil-punt 185 tas-sentenza Roca Sanitario, il-Qorti Ġenerali tfakkar li, b'risposta għall-motivi invokati insostenn tat-talbiet għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa, hija "kkonstatat, fil-punti 168 sa 170 [ta' din is-sentenza], li l-Kummissjoni ma kisritx il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament meta applikat koeffiċjenti 'gravità tal-ksur' u 'ammont addizzjonali' ta' 15 % għar-rikorrenti. Min-naħa l-oħra, hemm lok li jitfakkar li, kif ġie kkonstatat fil-punt 155 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni setgħet, b'konformità mal-paragrafi 21 sa 23 u 25 tal-linji gwida tal-2006, tqis, ġustament, li koeffiċjenti 'gravità tal-ksur' u 'ammont addizzjonali' ta' 15 % ma kinux sproporzjonati meta mqabbla mal-gravità tal-ksur".

219. Fil-punt 187, il-Qorti Ġenerali żżid tgħid li "l-fatt li l-impriżi li pparteċipaw fil-ksur uniku li jkopri sitt Stati Membri u tliet sottogruppi ta' prodotti kellhom jingħataw multa kkalkolata abbażi tal-koeffiċjenti 'gravità tal-ksur' u 'ammont addizzjonali' ta' iktar minn 15 % magħżula sabiex tiġi ssanzjonata r-rikorrenti, ma jistax validament jiġġustifika li l-Qorti Ġenerali timponilha, fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, multa ta' ammont li ma jkunx disważiv b'mod suffiċjenti fid-dawl tal-gravità tal-ksur li fih hija pparteċipat".

220. Għaldaqstant, it-trattament ma kienx ugwali iżda l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament ma kienx inkiser, peress li l-multa baqgħet proporzjonata!

221. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li l-Artikolu 49(3) tal-Karta jiddisponi li "s-severità tal-piena m'għandhiex tkun sproporzjonata għar-reat". B'applikazzjoni ta' din ir-regola, ma huwiex loġiku li tiġi kkonstatata n-natura inqas gravi ta' ksur filwaqt li tinżamm l-istess severità tas-sanzjoni ħlief għal ksur iktar gravi kkonstatat fis-sentenzi paralleli.

222. Issa, infakkar li wara li kkonstatat li l-ksur li ġiet akkużata bih Roca Sanitario kien inqas gravi, il-Qorti Ġenerali ma naqqsitx il-multa tagħha u kompliet tapplika għaliha l-istess koeffiċjenti ta' gravità u ta' disważjoni bħal dawk applikati għall-multi ta' impriżi tal-qalba, li fir-rigward tagħhom il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni kellha tuża koeffiċjenti iktar għoljin.

223. F'dan il-kuntest, il-kwistjoni hija jekk il-Qorti Ġenerali setgħetx tirrifjuta li tapplika fuq Roca Sanitario koeffiċjenti inqas għoljin li jippermettu li tiġi stabbilita mill-ġdid l-ugwaljanza fit-trattament ma' parteċipanti oħrajn, minħabba li dan ikun kuntrarju għall-prinċipju ta' proporzjonalità li jirrikjedi li l-multi jilħqu livell suffiċjentement disważiv.

224. Ma jidhirlix li dan huwa l-każ.

225. Fil-fatt, jekk jiġi segwit ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali, li fuq il-livell tal-gravità, issepara l-ksur imwettaq minn Roca Sanitario u minn parteċipanti oħrajn rispettivament, wieħed għandu jikkonkludi li n-natura disważiva ta' multa bl-ebda mod ma hija relatata mal-gravità tal-ksur, filwaqt li l-Qorti Ġenerali fil-punt 187 titkellem dwar ammont ta' multa disważiva *fir-rigward* tal-gravità tal-ksur.

226. Miż-żewġ affarijiet, waħda, jekk il-multa imposta hija l-istess għal żewġ tipi ta' ksur ta' gravità differenti, din jew ma tkunx disważiva biżżejjed għal parti waħda jew sproporzjonata għall-oħra. Peress li l-kalkolu tal-multa ma ġiex rivedut fil-konfront ta' dawk responsabbli għall-iktar ksur gravi, multa identika imposta fuq l-awtur ta' ksur inqas gravi hija neċessarjament sproporzjonata.

227. Il-Qorti Ġenerali ma setgħetx taġġusta l-portata ġeografika tal-ksur uniku, kontinwu u kumpless li fih ipparteċipat rikorrenti, pereżempju minn sitt Stati Membri għal żewġ Stati Membri biss (bħalma għamlet fis-sentenza Dornbracht vs Il-Kummissjoni, T-386/10, EU:T:2013:450), jew, billi rrikonoxxiet li l-ksur imwettaq mill-impriżi tal-qalba "kellu", minħabba l-portata ġeografika iktar estiża tiegħu, jiġi ssanzjonat b'multa kkalkolata fuq il-bażi ta' koeffiċjenti "gravità tal-ksur" u "ammont addizzjonali" ogħla (punt 187 tas-sentenza Roca Sanitario), u b'hekk tammetti li sitwazzjonijiet differenti, bi żball, ġew ittrattati b'mod simili (kif għamlet f'dan il-każ), *u, fl-istess waqt, tiddeċiedi, minn naħa, li ma żżidx il-multi tal-impriżi tal-qalba u tiddeċiedi, min-naħa l-oħra, li l-multa imposta, pereżempju, fuq Roca Sanitario, ma setgħetx titnaqqas (ara l-imsemmija koeffiċjenti mnaqqsa) mingħajr ma tagħti motivazzjoni suffiċjenti f'dan ir-rigward*.

228. Fil-fatt, bħalma qieset il-Qorti Ġenerali fis-sentenza Mamoli Robinetteria vs Il-Kummissjoni (T-376/10, EU:T:2013:442, punt 174), "[f]il-fatt, ksur li jkopri sitt territorji tal-Unjoni u li jirrigwarda tliet sottogruppi ta' prodotti ma jistax jitqies b'mod validu gravi daqs ksur imwettaq fit-territorju ta' Stat Membru wieħed biss li jirrigwarda tnejn mit-tliet sottogruppi ta' prodotti. Fid-dawl tal-portata tal-effetti tiegħu fuq il-kompetizzjoni fl-Unjoni, dan l-ewwel ksur għandu jitqies li huwa iktar gravi mit-tieni wieħed".

229. Barra minn hekk, naħseb li l-Qorti Ġenerali ma segwietx il-ġurisprudenza proprja tagħha li tapplika fir-rigward tat-tqassim tal-multi skont il-gravità tal-ksur imputat lil kull impriża fi ksur uniku, kontinwu u kumpless. Fil-fatt, skont il-prinċipji ta' individwalizzazzjoni tas-sanzjoni, ta' responsabbiltà personali u ta' nondiskriminazzjoni, fil-prinċipju, il-fatt li impriża kienet inqas responsabbli għandu jkun rifless fl-ammont tal-multa.

230. Sabiex il-proporzjonalità jew l-effett dissważiv ikunu oġġettivi, il-Qorti Ġenerali tqis li huwa neċessarju li tispira ruħha minn linji gwida tal-2006. F'dan ir-rigward infakkar li dawn il-linji gwida "jistabbilixxu regola ta' kondotta indikattiva […] li l-amministrazzjoni ma tistax taħrab minnhom […] mingħajr ma tagħti raġunijiet li jkunu kompatibbli mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament"[69]. L-applikazzjoni għamja u awtomatika tagħhom b'hekk hija eskluża, inkluż għall-Qorti Ġenerali, meta dawn iwasslu għal inugwaljanza fit-trattament[70].

231. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali diġà kkonstatat ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u ġibdet il-konsegwenzi fl-għamla ta' tnaqqis tal-multa. Dan kien il-każ fis-sentenzi Bolloré *et* vs Il-Kummissjoni (T-109/02, T-118/02, T-122/02, T-125/02, T-126/02, T-128/02, T-129/02, T-132/02 u T-136/02, EU:T:2007:115, punti 694 *et seq*)[71] u Chalkor vs Il-Kummissjoni (T-21/05, EU:T:2010:205, punti 104 sa 113). F'din l-istess sentenza, il-Qorti Ġenerali qieset b'mod korrett li "impriża qatt ma tista' tingħata multa li l-ammont tagħha huwa kkalkolat skont parteċipazzjoni f'kollużjoni li tagħha hija ma tinżammx responsabbli" (punt 93)[72].

69 — Sentenza KME Germany *et* vs Il-Kummissjoni (C-389/10 P, EU:C:2011:816, punt 127).

70 — Kif diġà spjegajt fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni (C-295/12 P, EU:C:2013:619), il-Qorti Ġenerali ma tistax tinvoka r-regoli previsti mil-linji gwida tal-Kummissjoni u tapplikahom b'mod awtomatiku, bħalma jissuġġerixxi l-punt 185 tas-sentenza Roca Sanitario, speċjalment jekk tali evalwazzjoni ma tiggarantixxix l-osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

71 — Is-sentenza hija parzjalment annullata mill-Qorti tal-Ġustizzja, iżda għal raġunijiet oħra u biss għal dak li jirrigwarda l-parti Bolloré (sentenza Papierfabrik August Koehler *et* vs Il-Kummissjoni, C-322/07 P, C-327/07 P u C-338/07 P, EU:C:2009:500).

72 — Ara wkoll is-sentenza Sigma Tecnologie vs Il-Kummissjoni (T-28/99, EU:T:2002:76, punti 79 sa 82), fejn il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni parzjalment minħabba li Sigma ma kinitx responsabbli mill-akkordju kollu u naqqset il-multa *in casu* b'10 %. Fis-sentenza IMI *et* vs Il-Kummissjoni (T-18/05, EU:T:2010:202, punt 157), il-multa hija mnaqqsa wkoll b'10 % sabiex tirrifletti l-fatt li IMI ma kinitx ipparteċipat f'sensiela ta' prattiki antikompetittivi. Ara, ukoll, is-sentenza Adriatica di Navigazione vs Il-Kummissjoni (T-61/99, EU:T:2003:335, punti 190 u 191).

232. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tirriżulta wkoll l-eżistenza ta' obbligu pożittiv (u mhux ta' possibbiltà kif jidher li taħseb il-Qorti Ġenerali) li tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura inqas gravi fl-ammont tal-multi: "il-fatt li impriża ma tkunx ipparteċipat fl-elementi kollha li jikkostitwixxu akkordju jew li kellha rwol minuri fl-aspetti li fihom ipparteċipat *għandu jittieħed inkunsiderazzjoni meta tiġi evalwata l-gravità* tal-ksur *u*, jekk ikun il-każ, *meta jiġi ddeterminat l-ammont tal-multa*" (enfasi miżjuda minni) [73].

c) U l-motivazzjoni?

233. Huwa importanti li jiġi rrilevat li l-Qorti Ġenerali bl-ebda mod ma spjegat kif tnaqqis, anki żgħir, tal-ammont bażiku tal-multa imposta fuq Roca Sanitario kien wassal għal ammont li ma kienx suffiċjentement dissważiv (u, barra minn hekk, lanqas ma mmotivat biżżejjed kif kienet xierqa r-rata ta' 15 %). Il-Qorti Ġenerali sempliċement affermat li l-koeffiċjenti applikati kienu "xierqa" għal Roca Sanitario. Din evidentement ma hijiex motivazzjoni xierqa! Barra minn hekk, is-sentenza Roca Sanitario tindirizza biss il-(koeffiċjent) "ammont addizzjonali" u lanqas biss issemmi r-rata tal-koeffiċjent "gravità tal-ksur".

d) Kull differenza fis-sitwazzjoni tal-impriżi kkonċernati, għandha tkun riflessa fl-ammont tal-multa?

234. Il-ġurisprudenza teżiġi wkoll li l-ammont tal-multi jieħu inkunsiderazzjoni l-gravità relattiva tal-ksur imputat lil diversi parteċipanti fl-istess ksur [74]. Dan ir-rekwiżit għandu l-għan li jiżgura l-prinċipju ta' individwalizzazzjoni tas-sanzjoni.

235. Il-Qorti tal-Ġustizzja tassew enfasizzat li tali prinċipju ma jasalx sabiex jeżiġi li tiġi riflessa kull differenza f'dak li jikkonċerna l-valur tal-bejgħ ta' dawn tal-aħħar [75].

236. Fil-fehma tiegħi, din il-limitazzjoni — li fil-verità tammetti l-impossibbiltà li tiġi żgurata l-ugwaljanza perfetta bejn l-imsemmija parteċipanti — għandha, loġikament, tkopri b'analoġija d-differenzi relatati mal-portata ġeografika u b'hekk mal-gravità tal-ksur ikkonstatat.

237. Dan japplika iktar u iktar ladarba dawn id-differenzi, bħal dawk li jikkonċernaw il-valur tal-bejgħ, huma diġà riflessi fil-valur tal-bejgħ li ttieħed inkunsiderazzjoni waqt il-kalkolu tal-ammont bażiku tal-multa.

238. Għaldaqstant huwa neċessarju li jiġi evalwat jekk l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni, għall-finijiet li jiġu ddeterminati koeffiċjenti "gravità tal-ksur" u "ammont addizzjonali", tan-natura inqas gravi relatata mal-ksur imputat lil Roca Sanitario ħolqotx differenza li taqbeż il-limitu tas-severità li, lil hinn minnu, għandha tiġi korretta diskriminazzjoni.

239. L-ewwel nett, naħseb li ħlief f'termini tal-portata ġeografika, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali ma tiddistingwix bejn il-gravità tal-aġir tas-sussidjarji ta' Roca Sanitario, li din tal-aħħar kellha twieġeb għalih, u l-gravità tal-aġir tal-impriżi tal-qalba (li ħolqu l-akkordju u li, skont Roca Sanitario, adottaw miżuri bl-għan li jestendu kif ukoll jiggarantixxu l-eżekuzzjoni u l-koordinazzjoni fuq skala

73 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni (C-49/92 P, EU:C:1999:356, punt 90). Ara, fl-istess sens, is-sentenzi Archer Daniels Midland vs Il-Kummissjoni (T-59/02, EU:T:2006:272, punt 296); AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni (T-99/04, EU:T:2008:256, punt 131); IMI *et* vs Il-Kummissjoni (T-18/05, EU:T:2010:202, punt 164); kif ukoll Chalkor vs Il-Kummissjoni (T-21/05, EU:T:2010:205, punt 92).

74 — Sentenzi Suiker Unie *et* vs Il-Kummissjoni (40/73 sa 48/73, 50/73, 54/73 sa 56/73, 111/73, 113/73 u 114/73, EU:C:1975:174, punt 623; Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni, C-49/92 P, EU:C:1999:356, punt 150), u Hercules Chemicals vs Il-Kummissjoni (C-51/92 P, EU:C:1999:357, punt 110).

75 — Sentenza Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni (C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 312).

Ewropea [76]). Huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali ħalliet barra kull riferiment fis-sentenza tagħha għall-fatti li Roca Sanitario ma kinitx parti mill-qalba tal-akkordju u li waħda mis-sussidjarji tagħha kienet ipparteċipat fl-akkordju biss għal żewġ sottogruppi ta' prodotti u mhux tlieta.

240. Isa, fis-sentenza Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni (C-280/08 P, EU:C:2010:603, punt 274), il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li: "[f]ost l-elementi li jistgħu jaffettwaw l-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur hemm *l-aġir tal-impriża kkonċernata, ir-rwol tagħha f'kull stabbiliment tal-prattika inkwistjoni* [77], il-qligħ li din setgħet tikseb minn din il-prattika, id-daqs tagħha u l-valur tal-merkanzija kkonċernata kif ukoll ir-riskju li ksur ta' dan it-tip jirrappreżenta għall-għanijiet tal-Unjoni" (enfasi miżjuda minni) [78].

241. Huwa wkoll ċar fil-ġurisprudenza li l-fatt li impriża ma pparteċipatax fl-elementi kollha li jikkostitwixxu akkordju jew li hija kellha rwol minuri fl-aspetti li hija pparteċipat fihom għandu jittieħed inkunsiderazzjoni meta tiġi evalwata l-gravità tal-ksur u, jekk meħtieġ, meta tiġi ddeterminata l-multa [79].

242. B'mod partikolari fil-preżenza ta' ksur uniku, fis-sens ta' ksur kontinwu u kumpless, li jġib flimkien sett ta' ftehimiet u prattiki miftiehma fi swieq differenti fejn dawk li jwettqu l-ksur mhux kollha jkunu preżenti jew jista' jkollhom biss għarfien parzjali tal-pjan kollettiv, is-sanzjonijiet għandhom jiġu individwalizzati, fis-sens li dawn għandhom ikunu relatati mal-aġir u mal-karatteristiċi tal-impriżi kkonċernati [80].

243. F'dan il-kuntest, il-prinċipju ta' proporzjonalità jimplika li l-multa għandha tiġi ffissata proporzjonalment għall-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni kemm sabiex tiġi evalwata l-gravità oġġettiva tal-ksur, bħala tali, kif ukoll biex tiġi evalwata l-gravità tal-parteċipazzjoni fil-ksur tal-impriża ssanzjonata [81].

76 — Ara l-punti 97 sa 102 u 71 tar-rikors fl-ewwel istanza.

77 — Sentenza Cimenteries CBR *et* vs Il-Kummissjoni (T-25/95, T-26/95, T-30/95 sa T-32/95, T-34/95 sa T-39/95, T-42/95 sa T-46/95, T-48/95, T-50/95 sa T-65/95, T-68/95 sa T-71/95, T-87/95, T-88/95, T-103/95 u T-104/95, EU:T:2000:77, punt 4949 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll is-sentenza voestalpine u voestalpine Wire Rod Austria vs Il-Kummissjoni (T-418/10, EU:T:2015:516, punti 408 *et seq*). F'din l-aħħar sentenza, fir-rigward tal-multa imposta *in solidum* fuq voestalpine u voestalpine Austria Draht, il-Qorti Ġenerali tirrileva li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx li voestalpine Austria Draht kienet ipparteċipat direttament fil-club Zurich, fil-club Europe jew fil-club España, jiġifieri fl-aspetti essenzjali tal-akkordju. Għall-kuntrarju, il-Qorti Ġenerali tinnota li l-parteċipazzjoni ta' voestalpine Austria Draht fil-club Italia kienet inżammet ġustament minħabba l-aġir antikompetittiv tal-aġent kummerċjali tagħha fl-Italja, għalkemm l-ebda prova ma tippermetti li jiġi stabbilit l-għarfien minn voestalpine Austria Draht tal-aġir li jikkostitwixxi ksur ta' dan l-aġent. Fil-fatt, l-aġent kummerċjali għandu jitqies, ladarba aġixxa fil-kuntest tal-mandat tiegħu li jkopri biss l-Italja, bħala parti mill-impriża. Madankollu, il-Qorti Ġenerali tqis li r-responsabbiltà għall-aġir antikompetittiv ta' dan l-aġent li sar lil hinn mis-suq Taljan ma tistax tiġi imputata lil voestalpine Austria Draht. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li tnaqqas il-multa imposta *in solidum* fuq iż-żewġ kumpanniji minn EUR 22 miljun għal EUR 7.5 miljun.

78 — Ara, b'analoġija, is-sentenzi Musique Diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni (100/80 sa 103/80, EU:C:1983:158, punt 129) u Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni (C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 242). Meta ksur ikun twettaq minn diversi impriżi, jeħtieġ li tiġi eżaminata l-gravità b'rabta mal-parteċipazzjoni ta' kull waħda minnhom (sentenza Hercules Chemicals vs Il-Kummissjoni, C-51/92 P, EU:C:1999:357, punt 110 u l-ġurisprudenza ċċitata).

79 — Sentenzi Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni (C-49/92 P, EU:C:1999:356, punt 90, u Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6, punt 86).

80 — Ara, b'analoġija, is-sentenza Britannia Alloys & Chemicals vs Il-Kummissjoni (C-76/06 P, EU:C:2007:326, punt 44).

81 — Ara, f'dan is-sens, u fid-dawl tad-distinzjoni li ġiet applikata minn dakinhar bejn il-gravità oġġettiva tal-ksur, fis-sens tal-punti 22 u 23 tal-linji gwida tal-2006, u l-gravità relattiva tal-parteċipazzjoni fil-ksur tal-impriża ssanzjonata, evalwata fir-rigward taċ-ċirkustanzi proprji ta' din l-impriża fis-sens tal-punti 27 *et seq* ta' dawn il-linji gwida, is-sentenza Jungbunzlauer vs Il-Kummissjoni (T-43/02, EU:T:2006:270, punti 226 sa 228 u l-ġurisprudenza ċċitata).

244. Insegwitu, jeħtieġ li jitfakkar li fil-punt 186 tas-sentenza Roca Sanitario, il-Qorti Ġenerali kkoreġiet ġustament l-approċċ applikat fid-deċiżjoni kontenzjuża u ddikjarat li l-parteċipazzjoni inqas sinjifikattiva tas-sussidjarji ta' Roca Sanitario, li hija limitata għal tnejn mis-sitt partijiet nazzjonali tal-akkordju globali ssanzjonat, neċessarjament tirrifletti aġir inqas gravi minn dak tal-impriżi li kienu pparteċipaw f'għadd ikbar ta' partijiet tal-akkordju [82].

245. Madankollu, fil-punt 187 hija ddeċidiet li "l-fatt li l-impriżi li pparteċipaw fil-ksur uniku li jkopri sitt Stati Membri u tliet sottogruppi ta' prodotti kellhom jingħataw multa kkalkolata abbażi tal-koeffiċjenti 'gravità tal-ksur' u 'ammont addizzjonali' ta' iktar minn 15 % magħżula sabiex tiġi ssanzjonata r-rikorrenti, ma jistax validament jiġġustifika li l-Qorti Ġenerali timponilha, fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, multa ta' ammont li ma jkunx disswaživ b'mod suffiċjenti fid-dawl tal-gravità tal-ksur li fih hija pparteċipat".

246. Il-kunsiderazzjonijiet preċedenti juru n-nuqqas ta' osservanza tal-prinċipju ta' individwalizzazzjoni tas-sanzjonijiet u jerġgħu jindikaw l-ineżistenza ta' motivazzjoni għall-assenza ta' rabta bejn il-konstatazzjoni ta' natura inqas gravi tal-ksur u l-ammont tal-multa.

247. Ċertament, skont il-Kummissjoni, in-natura inqas gravi tal-aġir tal-impriżi diġà kien rifless biżżejjed fl-għażla tal-bejgħ li ġew applikati għalih il-koeffiċjent tal-gravità u l-fattur disswaživ. Iżda dan l-argument ġie miċħud mill-Qorti Ġenerali kemm fis-sentenza Roca Sanitario (ara l-punt 186), kif ukoll f'diversi sentenzi paralleli dwar l-istess akkordju. Barra minn hekk, dawn is-sentenzi juru li n-natura inqas gravi tal-ksur ikkonstatat kellha twassal lill-Kummissjoni sabiex tapplika koeffiċjenti "gravità tal-ksur" u "ammont addizzjonali" b'mod distint.

248. Għaldaqstant, fis-sentenza Zucchetti Rubinetteria vs Il-Kummissjoni (T-396/10, EU:T:2013:446, punti 114 sa 119), il-Qorti Ġenerali ddeċidiet dan li ġej, fil-fehma tiegħi ġustament: "fir-rigward tal-iżball ta' evalwazzjoni tal-fatti invokat mir-rikorrenti, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni bi żball ikkunsidrat li l-koeffiċjenti 'gravità tal-ksur' u 'ammont addizzjonali' ta' 15 % huma ġġustifikati minħabba l-fatt li l-impriżi kkonċernati mid-deċiżjonikkontestata kienu pparteċipaw fi ksur uniku li jirrigwarda tliet sottogruppi ta' prodotti u li jkopri sitt Stati Membri. Fil-fatt, kif irrilevat il-Kummissjoni stess, fil-premessa 879 tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti kienet implikata fil-ksur li jirrigwarda l-koordinazzjoni taż-żidiet fil-prezzijiet, fl-Italja, u mhux fil-ħames Stati Membri l-oħra msemmija fil-punt 1 iktar 'il fuq, minħabba l-fatt li d-diskussjonijiet illegali li saru kienu jirrigwardaw il-viti u l-fittings u l-oġġetti taċ-ċeramika, iżda mhux id-diviżorji tad-doċċa. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li r-rikorrenti ma tikkontestax, f'dan il-kuntest, l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li tgħid li hija pparteċipat fi ksur li kien jirrigwarda wkoll l-oġġetti taċ-ċeramika u mhux biss il-viti u l-fittings" (punt 114).

249. B'hekk, "[m]ill-konstatazzjoni tal-Kummissjoni li tinsab fil-premessa 879 tad-deċiżjoni kkontestata […] jirriżulta li hija ma setgħetx b'mod validu tiġġustifika l-applikazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti tal-koeffiċjenti 'gravità tal-ksur' u 'ammont addizzjonali' ta' 15 % minħabba l-fatt li hija kienet ipparteċipat fil-ksur uniku li jkopri tliet sottogruppi ta' prodotti u sitt territorji. Għaldaqstant għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni wettqet żball ta' evalwazzjoni tal-fatti f'dan ir-rigward" (punt 115).

250. Qabel kollox, "l-argumenti tal-Kummissjoni intiżi li jsostnu li l-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti jirrifletti l-parteċipazzjoni tagħha biss fil-parti Taljana tal-ksur ikkonstatat, li l-valur tal-bejgħ meħud inkunsiderazzjoni għal kull impriża jirrifletti l-involviment individwali, effettiv u konkret tagħhom fil-ksur, u li l-koeffiċjenti 'gravità tal-ksur' u 'ammont addizzjonali' ta' 15 % huma

82 — "Ċertament, il-koeffiċjenti 'gravità tal-ksur' u 'ammont addizzjonali' ta' 15 % huma dawk li ġew magħżula mill-Kummissjoni, kif jirriżulta mill-premessa 1211 tad-deċiżjoni [kontenzjuża], sabiex jiġi kkalkolat l-ammont tal-multi imposti fuq l-impriżi li pparteċipaw fil-ksur uniku li jkopri t-tliet sottogruppi ta' prodotti f'sitt Stati Membri. *Issa, dan tal-aħħar jikkostitwixxi ksur iktar gravi, minħabba li l-portata ġeografika tiegħu, mill-ksur li pparteċipat fih ir-rikorrenti*" (enfasi miżjuda minni).

modesti, meta tiġi kkunsidrata l-gravità tal-ksur li hija wettqet, huma ineffettivi. Fil-fatt, l-ebda wieħed minn dawn l-argumenti ma jinvalida l-konstatazzjoni li l-Kummissjoni ma setgħetx b'mod validu tibbaża ruħha fuq ir-raġuni esposta fil-punt 115 iktar 'il fuq sabiex tadotta l-koeffiċjenti 'gravità tal-ksur' u 'ammont addizzjonali' ta' 15 %" (punt 116).

251. Sussegwentement, "għandu jiġi kkonstatat li l-argumenti tal-Kummissjoni li jgħidu li hija osservat id-diversi stadji fil-kalkolu tal-multa li huma previsti fil-linji gwida tal-2006, li hija użat id-dħul mill-bejgħ li l-impriżi kkonċernati mid-deċiżjoni kkontestata kienu tawha, li hija għandha marġni ta' diskrezzjoni fl-istabbiliment tal-ammont tal-multi u li l-gravità tal-ksur li pparteċipat fih ir-rikorrenti hija riflessa fl-ammont tal-valur tal-bejgħ meħud inkunsiderazzjoni huma wkoll ineffettivi. Fil-fatt, dawn l-argumenti ma jaffettwawx il-konstatazzjoni li l-Kummissjoni ma setgħetx tibbaża ruħha fuq ir-raġuni esposta fil-punt 115 iktar 'il fuq" (punt 117).

252. Fl-aħħar nett, "l-argument magħmul mill-Kummissjoni bi tweġiba għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali matul is-seduta, li jgħid li d-differenza fil-portata ġeografika li tirriżulta mill-parteċipazzjoni ta' impriżi, minn naħa, fil-ksur uniku fil-globalità tiegħu, u, min-naħa l-oħra, fit-territorju Taljan biss, ma tiġġustifikax l-applikazzjoni distinta tal-koeffiċjenti 'gravità tal-ksur' u 'ammont addizzjonali', għandu jiġi miċħud. Fil-fatt, ksur li jkopri sitt territorji tal-Unjoni u li jirrigwarda tliet sottogruppi ta' prodotti ma jistax ikun ikkunsidrat b'mod validu gravi daqs ksur fit-territorju ta' Stat Membru wieħed biss u li jirrigwarda żewġ sottogruppi ta' prodotti. Fid-dawl tal-portata tal-effetti tiegħu fuq il-kompetizzjoni fl-Unjoni, l-ewwel ksur għandu jiġi kkunsidrat bħala iktar gravi mit-tieni wieħed" (punt 118).

253. Fil-punt 119, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li "għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni wettqet żewġ żbalji ta' evalwazzjoni meta bbażat l-applikazzjoni tal-koeffiċjenti 'gravità tal-ksur' u 'ammont addizzjonali' ta' 15 % fuq il-fatt li r-rikorrenti kienet ipparteċipat fi ksur uniku li jkopri sitt territorji tal-Unjoni u tliet sottogruppi ta' prodotti. Għaldaqstant l-argument tar-rikorrenti f'dan ir-rigward għandu jiġi milqugħ".

254. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet bl-istess mod fis-sentenza parallela Dornbracht vs Il-Kummissjoni (T-386/10, EU:T:2013:450, punti 163 sa 168). F'erba' sentenzi oħra paralleli: Duravit (punti 366 *et seq*), Villeroy & Boch Austria (punti 384 u 385), Hansa Metallwerke *et* vs Il-Kummissjoni (T-375/10, EU:T:2013:475, punti 180 *et seq*) u Mamoli Robinetteria (T-376/10, EU:T:2013:442, punti 170 *et seq*) [83], il-Qorti Ġenerali ma tiċħadx fil-prinċipju l-ilmenti li jallegaw li l-koeffiċjenti inkwistjoni kellhom jiġu individwalizzati.

255. Inżid ngħid li l-Kummissjoni adottat tali approċċ f'diversi kawżi, jiġifieri, sabiex tiggarantixxi trattament nondiskriminatorju, applikat koeffiċjenti ta' gravità u fattur dissważiv differenti u b'hekk aġġustat l-ammont bażiku tal-multa skont il-gravità relattiva tal-ksur imputat lil kull impriża fi ħdan akkordju uniku u kontinwu [84].

256. Fir-rigward tal-ilment ta' Roca Sanitario, ibbażat fuq in-nuqqas ta' rikonoxximent ta' ċirkustanza attenwanti, fin-nuqqas ta' tnaqqis tal-koeffiċjenti "gravità tal-ksur" u "ammont addizzjonali", minħabba n-natura inqas gravi tal-ksur imputat lilha, il-Qorti Ġenerali, fil-fehma tiegħi, ġustament, iddikjarat li dan kien inammissibbli minħabba li ġie invokat tard.

83 — Punt 176: "l-argumenti skont liema l-mekkaniżmi fundamentali tal-akkordju implementat, li jikkonsistu fil-koordinazzjoni tal-politiki tariffarji annwali, kienu l-istess għall-impriżi kollha huma ineffettivi. Fil-fatt, il-fatt li l-impriżi kollha kienu pparteċipaw f'koordinazzjoni taż-żidiet fil-prezzijiet ma jaffettwax il-konstatazzjoni li l-Kummissjoni ma setgħetx tapplika koeffiċjent 'ammont addizzjonali' ta' 15 % għall-impriżi kollha li kienu destinatarji tad-deċiżjoni [kontenzjuża] minħabba li huma kienu pparteċipaw fi ksur uniku, għalkemm xi wħud minnhom ma kinux ħadu sehem fl-imsemmi ksur uniku *li jkopri sitt territorji u tliet sottogruppi ta' prodotti*" (enfasi miżjuda minni).

84 — Ara l-Każ COMP/F/38.344 – Azzar ikkompressat, punt 953, kif ukoll id-deċiżjonijiet iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 86 ta' dawn il-konklużjonijiet.

257. Fil-fatt, għalkemm tali lment tqajjem f'nota ta' qiegħ il-paġna fl-istadju tar-rikors — u mhux waqt is-seduta, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Qorti Ġenerali — fil-fehma tiegħi dan ma kienx ifformulat b'mod suffiċjentement ċar u preċiż kif teżiġi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [85]. Bħalma rrilevat il-Kummissjoni, ir-riferiment ġenerali għall-punt 29 tal-linji gwida tal-2006 fin-nota ta' qiegħ il-paġna tar-rikors ma huwiex biżżejjed preċiż sabiex iservi ta' bażi għal tali lment.

258. Fl-aħħar nett, sakemm Roca Sanitario teċċepixxi n-natura sproporzjonata tal-multa indipendentement minn kull diskriminazzjoni, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li Roca Sanitario ma pprovatx li dan ikun il-każ hawnhekk.

e) Konklużjoni

259. Għaldaqstant nikkonkludi li sa fejn, mingħajr motivazzjoni xierqa, il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet in-natura inqas gravi tal-aġir tas-sussidjarji ta' Roca Sanitario minn naħa, u ddeċidiet li ma żżidx il-multi tal-impriżi tal-qalba min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali, fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, kellha tnaqqas il-koeffiċjenti "gravità tal-ksur" u/jew "ammont addizzjonali" applikati għal Roca Sanitario, u dan sabiex tiżgura l-osservanza tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' individwalizzazzjoni tas-sanzjonijiet [86].

260. Huwa evidentement ineżatt "li […] trattament separat [taż-żewġ gruppi ta' impriżi] ma kienx ser ikun ta' benefiċċju għar-rikorrenti" (punt 169 tas-sentenza Roca Sanitario).

261. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-ewwel parti tat-tieni aggravju ta' Roca Sanitario għandha tintlaqa' u li s-sentenza Roca Sanitario għandha tiġi annullata parzjalment f'dan ir-rigward.

f) Il-konsegwenzi tal-annullament tas-sentenza Roca Sanitario mill-Qorti tal-Ġustizzja

262. Jien tal-fehma li jeħtieġ li l-kawża tiġi riferuta quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċiedi dwar il-multa u tislet il-konsegwenzi, b'mod partikolari mill-konklużjonijiet iktar 'il fuq dwar l-ewwel parti tat-tieni aggravju ta' Roca Sanitario.

IV – Konklużjonijiet

263. Għal dawn ir-raġunijiet u mingħajr preġudizzju għall-eżami ta' aggravji oħrajn ta' dawn l-appelli, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej.

264. Fil-kawża Il-Kummissjoni vs Keramag Keramische Werke *et* (C-613/13 P):

1) Tannulla l-punt 1 tad-dispożittiv tas-sentenza Keramag Keramische Werke *et* vs Il-Kummissjoni (T-379/10 u T-381/10, EU:T:2013:457) sa fejn dan annulla l-Artikolu 1 tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 4185 finali, tat-23 ta' Ġunju 2010, dwar proċedura għall-applikazzjoni

85 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-197/99 P, EU:C:2003:444, punt 81).

86 — Fis-seduta quddiem il-Qorti Ġenerali fil-kuntest tar-rikors ippreżentat minn Roca France u Laufen Austria, il-Kummissjoni ammettiet li l-aġir ta' Laufen Austria u ta' Roca France kien inqas gravi minn dak tal-impriżi tal-qalba tal-akkordju globali ssanzjonat u li setgħet tapplika rata inqas għolja fil-konfront tagħhom (ta' 14 %) sabiex tosserva l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u tieħu inkunsiderazzjoni l-aġir relattivament inqas gravi tagħhom (ara l-minuti tas-seduti tas-6 ta' Marzu 2013 fil-Kawżi Laufen Austria vs Il-Kummissjoni, T-411/10, EU:T:2013:443 u Roca). Hija ddeċidiet l-istess ħaġa fil-kuntest tar-rikors ippreżentat minn Zucchetti kontra d-deċiżjoni kontenzjuża. Is-sentenza Zucchetti Rubinetteria vs Il-Kummissjoni (T-396/10, EU:T:2013:446), ara l-punt 42 tar-rapport għas-seduta, mehmuż bħala Anness 11 tal-appell ta' Roca Sanitario. Ara, ukoll is-sentenza Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni (T-204/08 u T-212/08, EU:T:2011:286, punt 91) li tiċċita d-deċiżjonijiet "Candle waxes", C (2008) 5476, tal-1 ta' Ottubru 2008, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39.181 – Xama' tax-xemgħa) u "Heat stabilisers", C (2009) 8682, tal-11 ta' Novembru 2009, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/38.589 – Stabbilizzaturi tas-sħana), li fihom il-Kummissjoni applikat rati differenti għal kategoriji differenti ta' parteċipanti fl-akkordji inkwistjoni skont il-gravità relattiva tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-ksur.

tal-Artikolu 101 [TFUE] u l-Artikolu 53[ŻEE] (Każ COMP/39092 – Installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju) b'rabta mal-avvenimenti li seħħew fi ħdan l-Assoċjazzjoni Franċiża tal-industriji taċ-ċeramika sanitarja (AFICS) u mar-responsabbiltà ta' Allia SAS, ta' Produits Céramique de Touraine SA u ta' Sanitec fl-imsemmija avvenimenti.

2) Tannulla għalkollox il-punt 2 tad-dispożittiv tal-imsemmija sentenza tal-Qorti Ġenerali.

3) Tiċħad ir-rikors għal annullament fir-rigward tal-avvenimenti li seħħew fil-kuntest tal-AFICS u terġa' tistabbilixxi l-multi imposti fuq Allia SAS, Produits Céramique de Touraine SA u Sanitec.

4) Tiċħad it-tieni aggravju tal-appell inċidentali ta' Keramag *et* bħala inammissibbli u/jew infondat.

265. Fil-kawża Duravit *et* vs Il-Kummissjoni (C-609/13 P): tiċħad is-seba' u t-tnax-il allegazzjoni ta' żnaturament bħala inammissibbli jew infondati.

266. Fil-kawża Villeroy & Boch AG vs Il-Kummissjoni (C-625/13 P): tiċħad l-ewwel aggravju bħala inammissibbli jew infondat kif ukoll tiċħad it-tieni parti tat-tieni aggravju bħala infondat.

267. Fil-kawża Villeroy & Boch SAS vs Il-Kummissjoni (C-644/13 P): tiċħad l-ewwel aggravju bħala infondat u tiċħad l-ilment tat-tieni aggravju, li skontu l-Qorti Ġenerali ma segwietx il-konstatazzjonijiet tagħha fis-sentenzi Keramag Keramische Werke *et* vs Il-Kummissjoni (T-379/10 u T-381/10, EU:T:2013:457), Duravit *et* vs Il-Kummissjoni (T-364/10, EU:T:2013:477) u Wabco Europe *et* vs Il-Kummissjoni (T-380/10, EU:T:2013:449), bħala infondat.

268. Fil-kawża Roca Sanitario vs Il-Kummissjoni (C-636/13 P): tilqa' l-ewwel parti tat-tieni aggravju ta' Roca Sanitario; tannulla parzjalment is-sentenza Roca Sanitario vs Il-Kummissjoni (T-408/10, EU:T:2013:440) u tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċiedi dwar il-multa u tislet il-konsegwenzi b'mod partikolari mill-kunsiderazzjonijiet ta' dawn il-konklużjonijiet dwar l-ewwel parti tat-tieni aggravju ta' Roca Sanitario.

269. L-ispejjeż huma rriżervati.